

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 78



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

17 ta' Marzu 2012

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 232/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jemenda l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu tal-Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 233/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscripie emendat għad-Danimarka ⁽¹⁾** 13
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 234/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jistabilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 14
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 235/2012 tas-16 ta' Marzu 2012 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012 16

DEĊIŻJONIJIET

2012/155/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2012 li taħtar membru Ġermaniż u membru supplenti Ġermaniż fil-Kumitat tar-Reġjuni** 18

Prezz: EUR 3

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2012/156/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2012 li tissospendi l-impenji mill-Fond tal-Koeżjoni għall-Ungerija b'effett mill-1 ta' Jannar 2013** 19

2012/157/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar ħlasijiet ta' kumpens mogħtija mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (ELGA) matul l-2008 u l-2009 (notifikata bid-dokument numru C(2011) 7260) ⁽¹⁾**..... 21



(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 232/2012

tas-16 ta' Marzu 2012

li jemenda l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu tal-Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistipula lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) L-Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) huma kuluri tal-ikel li bħalissa huma approvati għall-użu u elenkati fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. L-approvazzjoni kurrenti tikkunsidra d-Dożi Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) stabbiliti mill-Kumitat Xjentifiku tal-Ikel (SCF) fl-1983 ⁽²⁾.
- (3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (minn hawn 'l quddiem: "l-Awtorità") ippubblikat Opinjoni fit-23 ta' Settembru 2009 ⁽³⁾ marbuta mal-evalwazzjoni mill-ġdid dwar is-sigurtà tal-Isfar Kinolina (E 104) bħala addittiv fl-ikel. F'dik l-Opinjoni, l-Awtorità tirrakkomanda t-tnaqqis tal-ADI ta' dak il-kulur tal-ikel minn 10 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata għal 0,5 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata. Barra minn hekk, l-Awtorità tikkunsidra li l-istimi raffinati tal-esponiment (Livell 2 u Livell 3) huma

ġeneralment ħafna aktar mill-ADI rivedut ta' 0,5 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata. Għalhekk huwa xieraq li l-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu għall-Isfar Kinolina (E 104) jiġu emendati biex ikun żgurat li l-ADI il-ġdid, dak rakkomandat mill-Awtorità, ma jinqabiżx.

- (4) L-Awtorità ppubblikat Opinjoni fis-27 ta' Settembru 2009 ⁽⁴⁾ marbuta mal-evalwazzjoni mill-ġdid dwar is-sigurtà tal-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) bħala addittiv fl-ikel. F'dik l-Opinjoni, l-Awtorità tirrakkomanda t-tnaqqis tal-ADI tal-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar Oranġjo S (E 110) minn 2,5 għal 1 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata. Barra minn hekk, l-Awtorità tikkunsidra li l-istimi raffinati tal-esponiment (Livell 3) huma ġeneralment ħafna aktar mill-ADI temporanju rivedut ta' 1 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata għal tfa' li jikkonsmaw ħafna. Għalhekk huwa xieraq li l-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu għall-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S (E 110) jiġu emendati biex ikun żgurat li l-ADI temporanju l-ġdid, dak rakkomandat mill-Awtorità, ma jinqabiżx.
- (5) L-Awtorità ppubblikat Opinjoni fit-23 ta' Settembru 2009 ⁽⁵⁾ marbuta mal-evalwazzjoni mill-ġdid dwar is-sigurtà tal-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) bħala addittiv fl-ikel. F'dik l-Opinjoni, l-Awtorità tirrakkomanda t-tnaqqis tal-ADI minn 4 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata għal 0,7 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata. Barra minn hekk, l-Awtorità tikkunsidra li l-istimi raffinati tal-esponiment (Livell 3) huma ġeneralment ħafna aktar mill-ADI rivedut ta' 0,7 mg/kg bil-piż għal kull ġurnata għal tfa' li jikkonsmaw ħafna. Għalhekk

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Rapport mill-Kumitat Xjentifiku tal-Ikel, l-Erbatax-il Serje, 1983.

⁽³⁾ Scientific opinion of the Panel on Food Additives and Nutrient sources added to Food (ANS) on a request from the Commission related to the re-evaluation on the safety of Quinoline Yellow (E 104) when used as a food additive, *EFSA Journal* 2009; 7(11):1329.

⁽⁴⁾ Scientific opinion of the Panel on Food Additives and Nutrient sources added to Food (ANS) on a request from the Commission related to the re-evaluation on the safety of Sunset Yellow (E 110) as a food additive, *EFSA Journal* 2009; 7(11):1330.

⁽⁵⁾ Scientific opinion of the Panel on Food Additives and Nutrient sources added to Food (ANS) on a request from the Commission related to the re-evaluation on the safety of Ponceau 4R as a food additive, *EFSA Journal* 2009; 7(11):1328.

huwa xieraq li l-kundizzjonijiet tal-użu u l-livelli tal-użu għall-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) jiġu emendati biex ikun żgurat li l-ADI l-ġdid, dak rakkomandat mill-Awtorità, ma jinqabiżx.

- (6) Dawn is-sustanzi jeħtieġ li jitneħħew mill-Grupp III elenkati fil-Parti C.(3) tal-Anness II. Madankollu il-limitu massimu miġbur flimkien meta s-sustanzi jintużaw flimkien mal-kumplement tas-sustanzi fil-Grupp III għandu jinżamm.
- (7) Sabiex l-esponiment jitnaqqas taħt l-ADI rakkomandat, il-limiti massimi għandhom jiġu riveduti. Dawn għandhom jitnaqqsu partikolarment bl-istess fattur bħattnaqqis fid-doża ta' kuljum fil-mira. Ċerti eċċezzjonijiet b'livelli għoljin għandhom jitħallew għal xi prodotti tradizzjonali li ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għall-esponiment. Ċerti dispożizzjonijiet tħassru wkoll.
- (8) L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (9) Sabiex jitħalla ż-żmien neċessarju biex l-industrija tal-ikel taġġusta l-produzzjoni tagħha għall-kundizzjonijiet tal-użu l-ġodda u l-livelli tal-użu stipulati f'dan ir-Regolament, ikun xieraq li jiġu stipulati arranġamenti tranżitorji.

- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponiehom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 2013.

Oġġetti tal-ikel li fihom l-Isfar Kinolina (E 104), l-Isfar Inżul ix-Xemx FCF/l-sfar fl-Oranġjo S (E 110) u l-Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A (E 124) li tpoġġew fis-suq legalment qabel l-1 ta' Ġunju 2013 imma mhumiex konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu fis-suq sakemm tinħela l-provvista.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti C, fil-punt (3), l-annotazzjonijiet li ġejjin huma mħassra:

"E 104	Isfar tal-Kinolina"
"E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S"
"E 124	Ponceau 4R, Koċineal aħmar A"

(2) Il-Parti E hija emendata kif ġej:

(a) fil-kategoriji 03, 05.2, 05.3, 05.4, 07.2 u 14.1.4 n-nota ta' qiegħ il-paġna (25) tinbidel b'dan li ġej:

"(25): Il-kwantitajiet ta' kull wieħed minn dawn il-kuluri E 122, u E 155 ma jstgħux jaqbżu l-50 mg/kg jew mg/l"

(b) Fil-kategorija 1.7.5 in-nota ta' qiegħ il-paġna (33) tinbidel b'dan li ġej:

"(33): Massimu individwalment jew għat-taħlita ta' E 100, E 102, E 120, E 122, E 160e u E 161b"

(c) fil-kategoriji 04.2.1, 04.2.2, 04.2.3 u 04.2.4.1 in-nota ta' qiegħ il-paġna (34) tinbidel b'dan li ġej:

"(34): Massimu individwalment jew għall-kombinazzjoni ta' E 120, E 122, E 129, E 131, u E 133"

(d) fil-kategoriji 04.2.5.2 u 04.2.5.3 in-nota ta' qiegħ il-paġna (31) tinbidel b'dan li ġej:

"(31): Massimu individwalment jew f'kombinazzjoni ta' E 120, E 142, E 160d u E 161b"

(e) fil-kategorija 9.2 in-noti ta' qiegħ il-paġna (35), (36) u (37) jinbidlu b'dan li ġej:

"(35): Massimu individwalment jew għat-taħlita ta' E 102, E 120, E 122, E 142, E 151, E 160e, E 161b"

"(36): Massimu individwalment jew għat-taħlita ta' E 102, E 120, E 122, E 129, E 142, E 151, E 160e, E 161b"

"(37): Massimu individwalment jew għat-taħlita ta' E 102, E 120, E 151, E 160e"

(f) l-annotazzjonijiet li ġejjin għal E 104, E 110, E 124 jidħlu f'ordni numerika fil-kategoriji tal-ikel imsemmija:

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti fqiegh il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
"01.4	Prodotti tal-ħalib iffermentat b'togħmiet miżjuda inklużi prodotti trattati bis-sħana				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	5	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	5	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III				
01.6.3	Kremi oħra				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	Kremi bit-togħmiet miżjuda biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	5	(61)	Kremi bit-togħmiet miżjuda biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	5	(61)	Kremi bit-togħmiet miżjuda biss
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III				
01.7.3	Qoxra tal-ġobon li tittiel				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(62)	
	(62): Il-kwantità totali ta' E 104 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III				
04.2.4.1	Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluż ix-xropp tal-frott				
	E 104	Isfar Kinolina	30	(61)	Mostarda di frutta biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	Mostarda di frutta biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Ahmar A	20	(61)	Mostarda di frutta biss
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu il-massimu elenkat għal Grupp III				
05.2	Ħlewwiet oħra inkluż ħelu żgħir li jiffriska n-nifs				
	E 104	Isfar Kinolina	30	(61)	ħliet frott u ħxejjex fil-konfettura; lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew ħlewwiet abbażi ta' kawkaw bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jġi-fieri: tiġijiet, praċett, eċċ.

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti f'qiegħ il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	ħlief frott u ħxejjex fil-konfettura; lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew hlewviet abbażi ta' kawkaw bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jiġifieri: tiġijiet, praċett, eċċ.
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	20	(61)	ħlief frott u ħxejjex fil-konfettura; lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew hlewviet abbażi ta' kawkaw bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jiġifieri: tiġijiet, praċett, eċċ.
	E 104	Isfar Kinolina	30	(61)	frott u ħxejjex fil-konfettura biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	frott u ħxejjex fil-konfettura biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	frott u ħxejjex fil-konfettura biss
	E 104	Isfar Kinolina	300	(61)	lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew hlewviet abbażi ta' kawkaw biss bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jiġifieri: tiġijiet, praċett, eċċ.
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(61)	lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew hlewviet abbażi ta' kawkaw biss bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jiġifieri: Tiġijiet, praċett, eċċ.
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	lewż tradizzjonali miksi biz-zokkor – jew hlewviet abbażi ta' kawkaw biss bil-forma ta' lewż jew forma tonda, tipikament itwal minn 2 cm u kkunsmati tipikament f'okkażjonijiet ta' ċelebrazzjoni jiġifieri: tiġijiet, praċett, eċċ.
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
05.3	Chewing gum				
	E 104	Isfar Kinolina	30	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
05.4	Tiżjin, kisi u mili, ħlief mili abbażi tal-frott kopert mill-kategorija 4.2.4				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	dekorazzjonijiet, kisi u zlazi biss, ħlief mili
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	dekorazzjonijiet, kisi u zlazi biss, ħlief mili

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti fqiegh il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	55	(61)	dekorazzjonijiet, kisi u zlazi biss, ħlief mili
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	mili biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	mili biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	55	(61)	mili biss
(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III					
06.6	Panura				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	55	(61)	
(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III					
08.2.3	Kisi ta' protezzjoni u kisjiet u tiżjin għal-laħam				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	tiżjin u kisi biss ħlief il-kisi estern li jittiekel ta' <i>pasturmas</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	35	(61)	tiżjin u kisi biss ħlief il-kisi estern li jittiekel ta' <i>pasturmas</i>
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	55	(61)	tiżjin u kisi biss ħlief il-kisi estern li jittiekel ta' <i>pasturmas</i>
	E 104	Isfar Kinolina	10	(62)	kisi li jittiekel biss
(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III					
(62): Il-kwantità totali ta' E 104 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III					
09.2	Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji				
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	200	(63)	f'sostituti tas-salamun abbażi ta' <i>Theragra chalcogramma</i> u <i>Pollachius virens</i> biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(63)	f'sostituti tas-salamun abbażi ta' <i>Theragra chalcogramma</i> u <i>Pollachius virens</i> biss
(63): Il-kwantità totali ta' E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbżu l-massimu elenkat għal Grupp III					

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti f'qiegħ il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
09.3	Bajd tal-ħut				
	E 104	Isfar Kinolina	200	(61)	ħlief bajd tal-Isturjuni (Caviar)
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	200	(61)	ħlief bajd tal-Isturjuni (Caviar)
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(61)	ħlief bajd tal-Isturjuni (Caviar)
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
12.2.2	Ħwawar u kondimenti				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(62)	ħwawar biss, pereżempju trab tal-kari, tandoori
	(62): Il-kwantità totali ta' E 104 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
12.4	Mustarda				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	35	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
12.6	Zlazi				
	E 104	Isfar Kinolina	20	(64)	inkluż pikles, zlazi pikkanti, ċatni u picalilli; ħlief zlazi abbażi ta' tadam
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	30	(64)	f'pikles u picalilli biss
	(64): Il-kwantità totali ta' E 104 u E 110 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
12.9	Prodotti tal-proteina, esklużi prodotti koperti fil-kategorija 1.8				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	prodotti simili tal-laħam u l-ħut abbażi ta' proteini veġetali biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	20	(61)	prodotti simili tal-laħam u l-ħut abbażi ta' proteini veġetali biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	prodotti simili tal-laħam u l-ħut abbażi ta' proteini veġetali biss
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti fqiegh il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
13.2	Ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti mid-Direttiva 1999/21/KE (minbarra prodotti mill-kategorija tal-ikel 13.1.5)				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
13.3	Ikel djetetiku għal dieti ta' kontroll tal-piż maħsuba biex jissostitwixxu l-ikel totali li wieħed jiekol kuljum jew ikla individwali (id-dieta ta' kuljum totali kollha jew parti minnha)				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.1.4	Xarbiel mogħtija t-togħma				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	ħlief prodotti tal-ħalib taċ-ċikkulata u tax-xgħir
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	20	(61)	ħlief prodotti tal-ħalib taċ-ċikkulata u tax-xgħir
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	ħlief prodotti tal-ħalib taċ-ċikkulata u tax-xgħir
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.2.3	Sajder u perri				
	E 104	Isfar Kinolina	25	(64)	ħlief <i>cidre bouché</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(64)	ħlief <i>cidre bouché</i>
	(64): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.2.4	Inbid tal-frott u nbid magħmul				
	E 104	Isfar Kinolina	20	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	1	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti f'qiegħ il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
14.2.7.1	Inbid aromatizzat				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	Ħliet <i>americano</i> , <i>bitter vino</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(61)	Ħliet <i>americano</i> , <i>bitter vino</i>
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	Ħliet <i>americano</i> , <i>bitter vino</i>
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.2.7.2	Xarbiet abbażi ta' nbid aromatizzat				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	ħliet <i>bitter soda</i> , <i>sangria</i> , <i>claria</i> , <i>zurra</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(61)	ħliet <i>bitter soda</i> , <i>sangria</i> , <i>claria</i> , <i>zurra</i>
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	ħliet <i>bitter soda</i> , <i>sangria</i> , <i>claria</i> , <i>zurra</i>
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.2.7.3	Cocktails ta' prodotti tal-inbid aromatizzati				
	E 104	Isfar Kinolina	50	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
14.2.8	Xarbiet alkoħoliċi oħra inkluż taħlit ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol				
	E 104	Isfar Kinolina	180	(61)	xarbiet alkoħoliċi b'anqas minn 15 % alkoħol biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(61)	xarbiet alkoħoliċi b'anqas minn 15 % alkoħol biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	170	(61)	xarbiet alkoħoliċi b'anqas minn 15 % alkoħol biss
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
16.	Deżerti minbarra prodotti koperti fil-kategoriji 1,3 u 4				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	5	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				

Numru tal-kategorija	Numru E	Isem	Livell massimu (mg/l jew mg/kg kif xieraq)	Noti fqiegħ il-paġna	restrizzjonijiet/eċċezzjonijiet
17.1	Supplimenti tal-ikel ipprovduti fforma solida inklużi kapsuli u pilloli u forom simili, minbarra fforom li jistgħu jintmagħdu				
	E 104	Isfar Kinolina	35	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	35	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
17.2	Supplimenti tal-ikel ipprovduti fforma likwida				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III				
17.3	Supplimenti tal-ikel ipprovduti ftip ta' ġulepp jew fforma li tista' tintmagħad				
	E 104	Isfar Kinolina	10	(61)	
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	10	(61)	
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	10	(61)	
	(61): Il-kwantità totali ta' E 104, E 110, E 124 u l-kuluri fil-Grupp III ma għandhomx jaqbu l-massimu elenkat għal Grupp III"				

(g) Il-kategorija 08.2.1 hija emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjoni għal E 110 hija mibdula b'dan li ġej:

	"E 110	Isfar kulur inżul ix-xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	15		<i>sobrasada biss</i> "
--	--------	--	----	--	-------------------------

(ii) l-annotazzjoni għal E 124 hija mibdula b'dan li ġej:

	"E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50		<i>chorizo sausage/salchichon biss</i> "
--	--------	------------------------------	----	--	--

(h) il-kategorija 14.2.7.1 hija emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjonijiet għal E 104 u E 110 huma mibdula b'dan li ġej:

	"E 104	Isfar Kinolina	50	(26) (27)	<i>americano, bitter vino biss</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(27)	<i>bitter vino biss</i> "

(ii) l-annotazzjoni għal E 124 hija mibdula b'dan li ġej:

"E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(26) (27)	<i>americano, bitter vino biss</i>
--------	------------------------------	----	-----------	------------------------------------

(i) il-kategorija 14.2.7.2 hija emendata kif ġej:

(i) l-annotazzjonijiet għal E 104 u E 110 huma mibdula b'dan li ġej:

"E 104	Isfar Kinolina	50	(28)	<i>bitter soda biss</i>
E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	50	(28)	<i>bitter soda biss</i>

(ii) l-annotazzjoni għal E 124 hija mibdula b'dan li ġej:

"E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	50	(28)	<i>bitter soda biss</i>
--------	------------------------------	----	------	-------------------------

(j) l-annotazzjonijiet li ġejjin għal E 104, E 110, E 124 jitħassru fil-kategoriji tal-ikel imsemmija:

01.7.5	Ġobon ipproċessat				
	E 104	Isfar Kinolina	100	(33)	ġobon ipproċessat bit-togħma biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(33)	ġobon ipproċessat bit-togħma biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	100	(33)	ġobon ipproċessat bit-togħma biss
04.2.1	Frott u ħxejjex imnixxa				
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(34)	priservi tal-frott aħmar biss
04.2.2	Frott u ħxejjex fil-hall, żejt jew ilma mielaħ				
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(34)	priservi tal-frott aħmar biss
04.2.3	Frott u ħxejjex fil-laned u fil-fliexken				
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(34)	priservi tal-frott aħmar biss
04.2.4.1	Preparazzjonijiet tal-frott u l-ħxejjex eskluż x-xropp tal-frott				
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200	(34)	priservi tal-frott aħmar biss

04.2.5.2	Ġamm, ġelatini u marmellati u puree tal-qastan bil-ħlewwa kif definiti fid-Direttiva 2001/113/KE				
	E 104	Isfar Kinolina	100	(31)	ħlief puree tal-qastan
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(31)	ħlief puree tal-qastan
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	100	(31)	ħlief puree tal-qastan
04.2.5.3	Pejsts tal-frott u tal-ħaxix oħra simili				
	E 104	Isfar Kinolina	100	(31)	ħlief <i>crème de pruneaux</i>
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(31)	ħlief <i>crème de pruneaux</i>
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	100	(31)	ħlief <i>crème de pruneaux</i>
08.2.1	Laħam ipproċessat mhux trattat bis-šana				
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	200		<i>sobrasada</i> biss
09.2	Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji				
	E 104	Isfar Kinolina	100	(35)	pejst tal-ħut u pejst tal-krustaċji biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(35)	pejst tal-ħut u pejst tal-krustaċji biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	100	(35)	pejst tal-ħut u pejst tal-krustaċji biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	250	(36)	krustaċji msajra minn qabel biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	250	(36)	krustaċji msajra minn qabel biss
	E 110	Isfar Inżul ix-Xemx FCF/Isfar fl-Oranġjo S	100	(37)	ħut iffumigat biss
	E 124	Ponceau 4R, Koċineal Aħmar A	100	(37)	ħut iffumigat biss"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 233/2012

tas-16 ta' Marzu 2012

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għad-Danimarka

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽¹⁾, u b'mod partikolari il-punt (b)(iii) tas-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu fl-annimali. Dan jipprevedi l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-kontroll tal-iscriapie tal-Istati Membri jekk dawn ikunu f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 546/2006 tal-31 ta' Marzu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-iscriapie u garanziji addizzjonali u li jidderoga minn ċerti ħtiġijiet tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1874/2003 ⁽²⁾ approva *inter alia* programmi nazzjonali għall-kontroll tal-iscriapie u stabbilixxa garanziji addizzjonali relatati mal-impriżi u r-restrizzjonijiet fiċ-ċaqliq uffiċjali skont ċerti kondizzjonijiet għall-annimali ovinu u kaprini.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2011, id-Danimarka ppreżentat programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni li jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 999/2001.

Sa mill-2003, l-istokk kollu maqgħul tal-annimali ovinu u kaprini li għandhom aktar minn 18-il, xahar kien ittestjat għall-iscriapie fid-Danimarka u ma nstab l-ebda każ ta' scriapie klassiku. Għalhekk l-għan tal-emenda fil-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie tad-Danimarka huwa li jnaqqas in-numru ta' testijiet imwettqa kull sena, mill-ittestjar estensiv attwali tal-annimali ovinu u kaprini maqgħula li għandhom aktar minn 18-il xahar għall-minimu meħtieġ f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

- (4) Ikkunsidrata s-sitwazzjoni epidemjoloġika favorevoli fid-Danimarka bħalissa, il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat għal dan l-Istat Membru għandu jkun approvat.
- (5) Il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-kummerċ peress li l-garanziji addizzjonali u r-restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq uffiċjali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 546/2006 jibqgħu l-istess. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jibda japplika minnufih.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-programm nazzjonali ta' kontroll tal-iscriapie emendat ippreżentat mid-Danimarka lill-Kummissjoni fil-25 ta' Novembru 2011 hu hawnhekk approvat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 234/2012**tas-16 ta' Marzu 2012****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	51,1
	JO	64,0
	MA	55,9
	TN	72,8
	TR	104,2
	ZZ	69,6
0707 00 05	JO	103,9
	TR	177,4
	ZZ	140,7
0709 91 00	EG	76,0
	ZZ	76,0
0709 93 10	JO	225,1
	MA	64,2
	TR	121,2
	ZZ	136,8
0805 10 20	EG	51,1
	IL	74,2
	MA	62,9
	TN	61,0
	TR	63,2
	ZZ	62,5
0805 50 10	EG	69,0
	TR	48,6
	ZZ	58,8
0808 10 80	AR	89,5
	BR	84,1
	CA	119,9
	CL	105,0
	CN	115,1
	MK	33,9
	US	155,8
	UY	78,9
	ZA	119,9
	ZZ	100,2
0808 30 90	AR	92,0
	CL	134,9
	CN	47,7
	ZA	87,3
	ZZ	90,5

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 235/2012

tas-16 ta' Marzu 2012

li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Regolament dwar l-OKS Unika] ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

- (1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2011/2012 ġew stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 971/2011 ⁽³⁾. Dawn il-prezzijiet u dazji ġew modifikati l-aħħar bir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 230/2012 ⁽⁴⁾.

- (2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha llum, twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

- (3) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika malajr kemm jista' jkun wara li tkun disponibbli d-dejta aġġornata, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament ta' implimentazzjoni (UE) Nru 971/2011 għas-sena tas-suq 2011/2012, huma b'dan immodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 254, 30.9.2011, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU L 77, 16.3.2012, p. 15.

ANNEX

L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-17 ta' Marzu 2012

(EUR)

Kodiċi NM	Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat	Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat
1701 12 10 ⁽¹⁾	44,97	0,00
1701 12 90 ⁽¹⁾	44,97	1,12
1701 13 10 ⁽¹⁾	44,97	0,00
1701 13 90 ⁽¹⁾	44,97	1,41
1701 14 10 ⁽¹⁾	44,97	0,00
1701 14 90 ⁽¹⁾	44,97	1,41
1701 91 00 ⁽²⁾	51,35	2,06
1701 99 10 ⁽²⁾	51,35	0,00
1701 99 90 ⁽²⁾	51,35	0,00
1702 90 95 ⁽³⁾	0,51	0,21

⁽¹⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽²⁾ Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

⁽³⁾ Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Marzu 2012

li taħtar membru Ġermaniż u membru supplenti Ġermaniż fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/155/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni b'effett mill-1 ta' April 2012 għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

a) bħala membru:

— Is-Sinjura Hella DUNGER-LÖPER, *Bevollmächtigte des Landes Berlin beim Bund und Europabeauftragte*,

u

b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Bernd KRÖMER, *Staatssekretär für Inneres bei der Senatsverwaltung für Inneres und Sport des Landes Berlin*.

Artikolu 2

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE ⁽¹⁾ u 2010/29/UE ⁽²⁾ li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sinjura Monika HELBIG fil-31 ta' Marzu 2012, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għall-ħatra tas-Sinjura Hella DUNGER-LÖPER bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti siġġu ta' membru supplenti,

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

I. AUKEN

⁽¹⁾ ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Marzu 2012

li tissospendi l-impenji mill-Fond tal-Koeżjoni għall-Ungerija b'effett mill-1 ta' Jannar 2013

(2012/156/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1164/94 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jitlob lill-Unjoni biex tiżviluppa u twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tagħha.
- (2) Skont l-Artikolu 175 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom imexxu l-politika ekonomika tagħhom u jikkoordinawha b'tali mod li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-TFUE. Il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' kull politika u azzjoni tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tas-suq intern għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni wkoll l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 174 tat-TFUE u jwasslu għat-twettiq tagħhom.
- (3) L-Artikolu 121(3) tat-TFUE jitlob lill-Kunsill biex jissorvelja l-iżviluppi ekonomiċi f'kull wieħed mill-Istati Membri u fl-Unjoni sabiex jiżgura koordinazzjoni eqreb tal-politiki ekonomiċi u l-konverġenza kontinwa fl-attività ekonomika tal-Istati Membri u biex jiżgura l-konsistenza tal-politika ekonomika mal-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 126 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (5) Skont l-Artikolu 177 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddefinixxu l-kompiti, l-għanijiet prijoritarji u l-organizzazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni li jipprovdi kontribut finanzjarju għall-proġetti fl-oqsma tal-ambjent u ta' netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport.
- (6) Fil-Protokoll (Nru 28) dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-TFUE, l-Istati Membri qablu li l-Fond ta' Koeżjoni ser jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji

tal-Unjoni għal proġetti fl-oqsma tal-ambjent u ta' netwerks trans-Ewropej fl-Istati Membri bi PDG per capita ta' anqas minn 90 % tal-medja tal-Unjoni u li jkollhom programm li jwassal għat-twettiq tal-kondizzjoniet ta' konverġenza ekonomika kif stabbiliti fl-Artikolu 126 tat-TFUE.

- (7) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006 jistipula l-kundizzjonijiet applikabbli għall-assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni u jagħmel l-aċċess għall-assistenza finanzjarja mill-Fond ta' Koeżjoni kondizzjonali fuq l-evitar ta' defiċit eċċessiv tal-gvern kif stabbilit fl-Artikolu 126 tat-TFUE ⁽²⁾. Taħt l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006 il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fuq proposta tal-Kummissjoni, li jissospendi totalment jew parzjalment l-impenji mill-Fond ta' Koeżjoni għal Stat Membru benefiċjarju jekk: (i) il-Kunsill ikun iddeċieda skont l-Artikolu 126(6) tat-TFUE ⁽³⁾ li jeżisti defiċit tal-gvern eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat, u (ii) il-Kunsill ikun stabbilixxa skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE ⁽⁴⁾ li l-Istat Membru kkonċernat ma ħax azzjoni effettiva b'rispons għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(7) tat-TFUE ⁽⁵⁾ sabiex jikkoreġi d-defiċit tal-gvern eċċessiv sal-iskadenza stabbilita. Tali sospensjoni tal-impenji għandha tkun effettiva mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-deċiżjoni ta' sospensjoni.
- (8) Fil-5 ta' Lulju 2004, bid-Deċiżjoni 2004/918/KE ⁽⁶⁾ il-Kunsill iddeċieda, skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) li fl-Ungerija kien hemm defiċit eċċessiv. Il-Kunsill adottata l-ewwel rakkomandazzjoni fil-5 ta' Lulju 2004, it-tieni rakkomandazzjoni fit-8 ta' Marzu 2005 u t-tielet rakkomandazzjoni fl-10 ta' Ottubru 2006 indirizzati lill-Ungerija skont l-Artikolu 104(7) tat-TKE. Fis-7 ta' Lulju 2009 il-Kunsill adotta r-raba' rakkomandazzjoni lill-Ungerija skont l-Artikolu 104(7) tat-TKE ("Rakkomandazzjoni tas-7 ta' Lulju 2009") bil-għan li tintemm il-qagħda ta' defiċit eċċessiv tal-gvern sa mhux aktar tard mill-2011. Partikolarment, l-Ungerija għet rakkomandata sabiex: (i) tillimita d-deterjorament tal-pożizzjoni fiskali fl-2009 billi tiżgura implimentazzjoni rigoruża tal-miżuri korrettivi adottati u mħabbra biex tinżamm il-mira ta' 3,9 % tal-PDG; (ii) mill-2010, timplimenta rigorożament il-miżuri ta' konsolidament neċessarji biex jiżguraw tnaqqis kontinwu tad-defiċit strutturali u tnaqqis mill-ġdid tad-defiċit nominali, b'aktar irbit ta' miżuri strutturali sabiex ikun iggarantit

⁽¹⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79.

⁽²⁾ Li jissostitwixxi l-Artikolu 104 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE) kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006.

⁽³⁾ Li jissostitwixxi l-Artikolu 104(6) tat-TKE kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006.

⁽⁴⁾ Li jissostitwixxi l-Artikolu 104(8) tat-TKE kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006.

⁽⁵⁾ Li jissostitwixxi l-Artikolu 104(7) tat-TKE kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006.

⁽⁶⁾ ĠU L 389, 30.12.2004, p. 27.

titjib dejjiemi fil-finanzi pubbliċi; (iii) tħabbar u tadotta proporzjożament il-miżuri ta' konsolidament neċessarji biex tintlaħaq il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2011; (iv) tiżgura sforz fiskali kumulattiv ta' mill-anqas 0,5 % tal-PDG matul l-2010 u l-2011; u (v) tiżgura li l-proporzjon tad-dejn pubbliku gross jinġiebu f'perkors ta' tnaqqis konsistenti.

- (9) Fl-24 ta' Jannar 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/139/UE ⁽¹⁾ skont l-Artikolu 126(8) tat-TFUE li tistabbilixxi li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009. Id-Deċiżjoni nnutat li filwaqt li l-Ungerija formalment irrispettat il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-2011, dan ma kienx ibbażat fuq korrezzjoni strutturali u sostenibbli. Il-bilanċ pożittiv fl-2011 iddependa minn dħulijiet sostanzjali ta' darba ta' aktar minn 10 % tal-PDG u kien akkumpanjat minn deterjorament strutturali kumulattiv fl-2010 u l-2011 ta' 2,75% tal-PDG meta mqabbel ma' rakkomandazzjoni ta' titjib fiskali kumulattiv ta' 0,5 % tal-PDG. Barra minn hekk, filwaqt li fl-2012 l-awtoritajiet għandhom l-intenzjoni li jimplementaw miżuri strutturali sostanzjali li jnaqqsu d-defiċit strutturali għal 2,6 % tal-PDG, it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG għal darba oħra se jkun irrispettat biss grazzi għal miżuri ta' darba ta' kważi 1 % tal-PDG. Fl-aħħar nett, fl-2013, id-defiċit (ta' 3,25% tal-PDG) kien mistenni li jaqbeż il-valur referenzjarju tat-TFUE għal darba oħra anki meta jitqiesu l-miżuri addizzjonali mħabbra wara t-Tbassir tal-Ħarifa 2011 tas-servizzi tal-Kummissjoni. Id-defiċit ogħla fl-2013 huwa prinċipalment marbut mal-fatt li dħulijiet temporanji ta' darba kienet qed jiġu eliminati gradwalment kif ipplanat, filwaqt li mhux ir-riformi strutturali ppjanati kollha ġew speċifikati biżżejjed. B'mod ġenerali, il-Kunsill ikkonkluda li r-rispons mill-awtoritajiet Ungeriżi għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2009 skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE ma kienx suffiċjenti.
- (10) Għalhekk, fil-każ tal-Ungerija, iż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006 ġew sodisfatti. Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' għalhekk jissospendi jew it-totalità jew parti mill-impenji mill-Fond ta' Koeżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar 2013. Id-deċiżjoni dwar l-ammont ta' impenji li se jkun sospiżi għandha tiżgura li s-sospensjoni tkun kemm effettiva kif ukoll proporzjonata, filwaqt li titqies il-qagħda ekonomika globali attwali fl-Unjoni Ewropea u l-importanza relattiva tal-Fond ta' Koeżjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, huwa xieraq, fil-każ tal-ewwel applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006 għal

Stat Membru partikolari, li l-ammont ikun iffissat għal 50 % tal-allokazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni għall-2013, mingħajr ma jinqabeż il-livell massimu ta' 0,5 % tal-PDG nominali tal-Istat Membru kkonċernat kif imbassar mis-servizzi tal-Kummissjoni.

- (11) Peress li s-sospensjoni tikkonċerna biss l-impenn, l-implimentazzjoni ta' proġetti tat-trasport u tal-ambjent jew l-impenji li saru diġà fil-mument tas-sospensjoni mhux se jiġu kompromessi jekk l-azzjonijiet korrettivi neċessarji jiġu implimentati fil-pront. Peress li s-sospensjoni ssir fuq l-impenji li jieħdu effett mis-sena ta' wara, l-implimentazzjoni tal-proġett li għaddej mhux se tkun affettwata għal perjodu estiż. B'hekk l-awtoritajiet se jkollhom iż-żmien meħtieġ biex jadottaw il-miżuri li jgħibu lura l-kondizzjonijiet makroekonomiċi u fiskali li jwasslu għat-kabbir sostenibbli u l-impjieg.
- (12) B'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1084/2006, jekk sat-22 ta' Ġunju 2012, jew f'data aktar tard, il-Kunsill jistabilixxi li l-Ungerija tkun ħadet l-azzjoni korrettiva meħtieġa, hu għandu jiddeċidi, mingħajr dewmien, li jneħħi s-sospensjoni fuq l-impenji kkonċernati,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont ta' EUR 495 184 000 (fi prezzijiet attwali) ta' impenji mill-Fond ta' Koeżjoni għall-Ungerija għandu jiġi sospiż b'effett mill-1 ta' Jannar 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2012.

Għall-Kunsill
Il-President
M. VESTAGER

⁽¹⁾ ĠU L 66, 6.3.2012, p. 6.

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Diċembru 2011

dwar ħlasijiet ta' kumpens mogħtija mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (ELGA) matul l-2008 u l-2009

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7260)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/157/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tat-Trattat ⁽¹⁾,

Billi:

I. PROCĊEDURA

- (1) Wara li l-Kummissjoni rċeviet xi informazzjoni mill-istampa dwar il-ħlasijiet ta' kumpens li jammontaw għal EUR 425 miljun li l-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (minn hawn 'il quddiem ELGA) kienet qed tipprevedi li tħallas bi tweġiba għall-protesti li sehew fil-Greċja f'Jannar 2009 minn għadd kbir ta' produtture ta' prodotti agrikoli minħabba telf li kienu sofrew fid-dħul tagħhom matul is-sena 2008 minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena, saret laqgħa bilaterali mal-awtoritajiet Griegi fl-4 ta' Frar 2009. Wara din il-laqgħa, ir-rappreżentanza permanenti Griega fi ħdan l-Unjoni Ewropea bagħtet xi informazzjoni rigward din il-miżura permezz ta' ittra datata d-9 ta' Frar 2009.
- (2) Permezz tal-ittra tat-23 ta' Frar 2009, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Marzu 2009, l-awtoritajiet Griegi kienu wiegħbu lill-Kummissjoni li l-ELGA kienet ħadet self sabiex tħallas il-kumpens ta' EUR 425 miljun inkwistjoni kif ukoll self ieħor ta' EUR 444 miljun li parti kbira minnu kienet maħsuba għall-ħlas ta' kumpens matul is-sena 2008 għall-ħsara li saret lill-produttur tal-ħxejjex u lill-bhejjem ikkawżata wkoll minn kawżi koperti mill-ELGA.
- (3) Is-servizzi tal-Kummissjoni kienu talbu aktar informazzjoni permezz tal-ittra datata l-4 ta' Mejju 2009. L-awtoritajiet Griegi wiegħbu permezz tal-ittra datata s-16 ta'

Ġunju 2009. Permezz tal-ittra tat-13 ta' Lulju 2009, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu infurmat lill-awtoritajiet Griegi li l-miżura ta' kumpens ta' EUR 425 miljun għas-sena 2009 kienet għet irreġistrata bħala kawz suspettat taħt in-nru KS 196/2009 u li l-miżura ta' kumpens ta' EUR 444 miljun imħallsa fl-2008 kienet ikkunsidrata għall-parti li tirrigwarda d-danni kkawżati minn kawżi koperti mill-ELGA, bħala għajnunha illegali skont l-Artikolu 1(f) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 (*) tat-Trattat tal-KE ⁽²⁾ u għet irreġistrata taħt in-nru NN 39/09.

- (4) Wara l-ittra ta' tweġiba tal-awtoritajiet Griegi, datata t-18 ta' Awwissu 2009, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni permezz ta' ittra datata l-14 ta' Settembru 2009. Barra minn hekk, permezz tal-ittra msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Griegi li, wara li l-imsemmija awtoritajiet ipprovdew l-informazzjoni li l-kumpens ta' EUR 425 miljun għas-sena 2009 tħallas lill-bdiewa kkonċernati, il-ħlasijiet inkwistjoni għet irreġistrati wkoll bħala għajnunha illegali skont l-Artikolu 1(f) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, bin-numru NN 39/09 ukoll.
- (5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-20 ta' Marzu 2010 ⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti min-naħa ta' partijiet terzi, li ntbagħtu lill-awtoritajiet Griegi fis-6 ta' Mejju 2010. L-awtoritajiet Griegi bagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-kummenti tal-partijiet interessati fil-21 ta' Lulju 2010.
- (6) L-awtoritajiet Griegi pprovdew aktar informazzjoni rigward l-għajnunha inkwistjoni fl-4 ta' Ġunju 2010, fl-10 ta' Settembru 2010 u fl-14 ta' Settembru 2010. Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni permezz ta' ittra datata s-17 ta' Novembru 2010. L-awtoritajiet Griegi wiegħbu bl-ittra tad-9 ta' Marzu 2011.

(*) Wara l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat dwar il-KE, u mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar il-KE għet sostitwiti rispettivament mill-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽²⁾ ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

⁽³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ tal-paġna 1.

⁽¹⁾ ĠU C 72, 20.3.2010, p. 12.

- (7) Fuq talba tal-awtoritajiet Griegi, saret laqgħa bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni fil-31 ta' Marzu 2011. Wara din il-laqgħa, l-awtoritajiet Griegi bagħtu aktar informazzjoni fil-11 ta' Mejju 2011 u fit-12 ta' Lulju 2011. Fuq talba tal-awtoritajiet Griegi, saret laqgħa oħra bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni fil-11 ta' Novembru 2011.

II. DESKRIZZJONI

- (8) Permezz tal-Liġi Griega Nru 1790/1988, dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola u dispożizzjonijiet oħrajn⁽⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħa il-“Liġi 1790/1988”), twaqqfet organizzazzjoni bi skop ta' benefiċċju pubbliku msejħa “Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjonijiet Agrikoli (ELGA)”. L-ELGA hija entità legali tal-liġi privata li tappartjeni kollha lill-Istat. Hija kkontrollata mill-Ministru tal-Agrikoltura skont l-Artikolu 12 tal-liġi msemmija hawn fuq. L-ELGA tamministra l-partiti inklużi fil-baġit tagħha skont id-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi tagħha li l-membri tiegħu jinħatru permezz ta' deċiżjoni tal-Ministru tal-Agrikoltura. L-ELGA għandha bħala għan prinċipali l-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba' u tal-bhejjem u tal-kapital tal-uċuħ tar-raba' u tal-bhejjem tal-irziezet kontra danni li jirriżultaw minn riskji naturali.
- (9) Skont l-Artikolu 3(2)⁽⁵⁾ tal-Liġi 1790/1988, l-iskema ta' assicurazzjoni mill-ELGA hija obbligatorja u tkopri riskji naturali u b'mod partikolari għargħar, maltempati, għata u kesħa estrema, borra, silġ, temperaturi għoljin u radjazzjoni solari, xita eċċessiva jew barra mill-istaġun, nixfa, mard entomologiku u fitopatologiku tal-pjanti, mard epiżootiku, sajjetti jekk jikkawżaw nirien, terremoti, riskji kkawżati mill-baħar, ħsara lill-uċuħ tar-raba' minn annimali selvaġġi kif ukoll sensiela ta' mard tal-frat, nagħaġ u mogħoż.
- (10) Skont l-Artikolu 5(2)⁽⁶⁾, tal-Liġi 1790/1988 kontribuzzjoni speċjali ta' assicurazzjoni favur l-ELGA hija imposta fuq il-produtturi tal-prodotti agrikoli li jibbenefikaw minn din l-iskema ta' assicurazzjoni, li hija deskritta fil-premessa 9. Din il-kontribuzzjoni tieħu l-għamla ta' hłas impost mil-leġiżlatur li jaffettwa l-bejgħ u x-xiri tal-prodotti agrikoli nazzjonali u li d-dħul tiegħu huwa maħsub sabiex jiffinanzja lill-ELGA, li hija responsabbli mill-prevenzjoni u l-kumpens tal-ħsara kkawżata minn riskji naturali għall-irziezet.
- (11) Skont l-Artikolu 5(2) tal-Liġi 1790/1988, il-kontribuzzjoni speċjali ta' assicurazzjoni hija ffissata għal 3 % għall-prodotti ta' ħxejjex u għal 0,5 % għall-prodotti li ġejjin mill-annimali⁽⁷⁾. Dawn ir-rati ta' kontribuzzjoni jiġu stabbiliti mill-Ministri kompetenti fuq il-bażi ta' proposta tal-ELGA lill-Ministru tal-Agrikoltura. Id-dħul tal-ELGA li

jiġi mill-kontribuzzjoni speċjali ta' assicurazzjoni, miġbura mit-Taxxi Interni, jiddaħħlu fil-baġit tal-Istat bħala dħul tal-Istat u jitniżżlu taħt taqsima speċifika tad-dħul. Dan id-dħul jitħallas lill-ELGA fil-baġit tal-Ministeru tal-Agrikoltura, imsejjaħ Ministeru għall-Iżvilupp Rurali u għall-lkel, permezz ta' reġistrazzjoni annwali ta' kreditu ta' ammont ugwali, fuq proposta tal-ELGA lil dan il-Ministeru. L-ELGA m'għandha l-ebda influwenza oħra fuq l-ammont tal-kontribuzzjoni jew fuq dak tal-kumpens.

- (12) Huma soġġetti għall-assigurazzjoni tal-ELGA il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma sidien jew operaturi ta' impriżi tal-agrikoltura, ta' trobbija tal-bhejjem, ta' trobbija tat-tjur, ta' trobbija tan-naħal, tas-sajd, tal-akkwakultura jew ta' impriżi simili. Id-dħul tal-ELGA huwa magħmul, b'mod partikolari mid-dħul mill-kontribuzzjoni speċjali ta' assicurazzjoni. Barra minn hekk, skont il-Liġi Nru 3147/2003, l-għoti ta' għajnuniet jaqa' wkoll taħt il-kompetenza tal-ELGA fil-kuntest tal-programmi ta' ppjanar f'każ ta' ħtieġa estrema li għandha x'taqsam mal-kumpens għall-ħsara lill-kapital tal-ħxejjex u lill-kapital fiss li jirriżulta minn diżastri naturali, avvenimenti straordinarji jew kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. Dawn l-għajnuniet huma ffinanzjati mill-Baġit tal-Istat jew minn self. Dawn il-programmi jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat li tkun approvata minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.
- (13) Bid-digriet Nru 262037 tal-Ministru tal-Ekonomija u tal-Ministru tal-Iżvilupp Rurali tat-30 ta' Jannar 2009 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “digriet interministerjali”) kien ippjanat kumpens tal-ammont ta' EUR 425 miljun, b'mod eċċezzjonali, għal ħsarat li seħħew fl-2008. Skont id-digriet interministerjali, il-kumpens inkwistjoni ser jitħallas mill-ELGA minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni ta' ċerti ħxejjex indikati fih li seħħ matul l-istaġun ta' attivitá tal-2008 minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena bħal nixfa, temperaturi għoljin, xita u mard entomologiku u fitopatologiku tal-uċuħ inkwistjoni. Il-ħsara tirrigwarda t-tkabbir tas-siġar tal-lewż, taċ-ċirasa, tal-berquq, ta' xi varjetajiet ta' ħawħ, tal-għajnbaqar, tal-lanġas, tat-tuffieħ, l-asparagu, l-uċuħ tat-tabakk tal-Lvant, tal-patata, qoton, imsaġar taż-żebbuġ u ċ-ċereali.
- (14) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, minbarra t-telf tal-produzzjoni, għal ċerti uċuħ (iċ-ċereali, il-qoton), id-deterjorament fil-kwalità tal-produzzjoni kien ikkunsidrat ukoll għall-iffissar tal-limitu tal-ħsara. It-telf inkwistjoni jew il-produzzjoni ta' kwalità ddeterjorata kienu r-riżultat ta' taħlita ta' fenomeni metereoloġiċi u mard tal-ħxejjex minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena li sofrew il-ħxejjex ikkonċernati matul is-sena inkwistjoni.
- (15) Biex tkun tista' tħallas dan il-kumpens inkwistjoni, l-ELGA għamlet kuntratt ta' self ma' Bank tal-ammont ta' EUR 425 000 000. Is-self għandu jitħallas lura fuq għaxar snin (mill-2010 sal-2019). Għall-ewwel tliet snin (mill-2010 sal-2012) dan is-self għandu fuqu imgħaxijiet

⁽⁴⁾ FEK A' 134, 20 ta' Ġunju 1988.

⁽⁵⁾ Imdaħħal mill-Artikolu 5 tal-Liġi 2945/2001 u emendat mill-Artikolu 9 tal-Liġi 3698/2008.

⁽⁶⁾ Imdaħħal mill-Liġi 2040/1992 (FEK A' 70).

⁽⁷⁾ Emenda magħmula mill-Artikolu 53 par.1 tal-Liġi 2538/1997.

u taxxi mill-Istat Grieg li jammontaw għal EUR 28 513 250 fis-sena u għas-seba' snin ta' wara (mill-2013 sal-2019) imgħaxijiet, amortizzazzjoni u taxxi mill-Istat Grieg li jammontaw għal EUR 89 227 536 fl-2013, għal EUR 85 087 786 fl-2014, għal EUR 81 025 536 fl-2015, għal EUR 76 963 286 fl-2016, għal EUR 72 901 036 fl-2017, għal EUR 68 838 786 fl-2018 u għal EUR 64 776 536 fl-2019. Is-self huwa kkuntrattat taħt garanzija mill-Istat Grieg favur l-ELGA.

(16) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi, il-kumpens imħallas mill-ELGA fl-2008 għal ħsarat koperti mill-assigurazzjoni jammonta għal EUR 386 986 648. Parti minn dan l-ammont kienet gejjja mill-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni, f'ammont ta' EUR 88 353 000, u parti oħra mid-dħul miskub fuq bażi ta' self ta' EUR 444 miljun.

(17) L-ELGA ħadet self mingħand Bank li jammonta għal EUR 444 000 000 fuq il-bażi tal-Artikolu 13 tal-Liġi Griega Nru 3074/2002 u tal-Artikolu 28 par. 17 tal-Liġi Griega Nru 3147/2003. Is-self għandu jitħallas lura fuq għaxar snin (mill-2009 sal-2018). Għall-ewwel tliet snin (mill-2009 sal-2011) dan is-self għandu fuqu imgħaxijiet u taxxi mill-Istat Grieg li jammontaw għal EUR 23 709 600 fis-sena u għas-seba' snin ta' wara (mill-2012 sal-2018) imgħaxijiet, amortizzazzjoni u taxxi mill-Istat Grieg li jammontaw għal EUR 87 138 171 fl-2012, għal EUR 83 789 143 fl-2013, għal EUR 80 395 714 fl-2014, għal EUR 77 002 286 fl-2015, għal EUR 73 608 857 fl-2016, għal EUR 70 215 429 fl-2017 u għal EUR 66 822 000 fl-2018. Is-self jittieħed taħt garanzija mill-Istat Grieg favur l-ELGA.

(18) Il-parti l-oħra tas-self, li tammonta għal EUR 145 366 352, kienet maħsuba għall-għoti tal-għajnuna mill-Istat approvata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-programmi ta' ppjanar ta' ħtieġa estrema li kienu jirrigwardaw nirien fl-2006 u fis-sena 2007. Din id-deċiżjoni ma tirrigwardax din il-parti tad-dħul tal-ELGA.

III. ID-DUBJI MQAJMA MILL-KUMMISSJONI MARBUTA MAL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI

1. Dwar l-eżistenza ta' għajnuna skont l-artikolu 107(1) tat-TFUE

(19) Miżuri allokat permezz ta' riżorsi tal-Istat: Il-Kummissjoni qieset li din il-kundizzjoni kienet issodisfata f'dan il-każ, minħabba li l-liġi nazzjonali inkwistjoni (ara l-premessa 11) tistabbilixxi b'mod ċar li l-benefiċċji pprovduti mill-ELGA huma ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat u li dawn huma attribwibbli lill-Istat.

(20) Fil-kuntest tal-informazzjoni supplimentari pprovduta qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-awtoritajiet Griegi kienu indikaw li kienu qegħdin jaħsbu li jżidu l-perċentwal tal-kontribuzzjoni ta' assigurazzjoni speċjali sabiex iżidu d-dħul tal-ELGA. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta dwar iż-żieda fid-dħul tal-ELGA ma pprovdietx elementi speċifiċi f'dan l-istadju tal-proċedura biex ikun konkluż li

din iż-żieda tkun biżżejjed sabiex jitħallas lura s-self inkwistjoni u jingħata l-kumpens lill-produtturi għas-snin ikkonċernati. Ma setax ikun eskluż għalhekk, li l-miżuri inkwistjoni jkunu ffinanzjati wkoll minn riżorsi statali oħrajn disponibbli għall-ELGA.

(21) Miżuri li jaffettwaw il-kummerċ u għad-distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni: Il-kumpens imħallas fl-2008 mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kien jirrigwarda diversi prodotti agrikoli Griegi li ġejjin mill-ħxejjex u mill-annimali u dak imħallas fl-2009 kien jirrigwarda diversi uċuħ ta' ħxejjex (ara l-premessa 13). Għalhekk, fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ddikjarat, li l-kumpens inkwistjoni kien jagħti vantaġġ lill-produtturi lokali meta mqabbla ma' produtturi oħrajn tal-Unjoni li ma jingħatawx l-istess appoġġ. Is-settur agrikolu huwa miftuħ għall-kompetizzjoni fil-livell tal-Unjoni, u għalhekk huwa sensitiv għal kwalunkwe miżura favur il-produzzjoni fi Stat Membru jew ieħor. Għalhekk, il-kumpens inkwistjoni jista' jwassal għal tgħawwiġ fil-kompetizzjoni fis-suq u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(22) Miżuri li jiffavorixxu ċerti imprezzi jew ċerti produzzjonijiet: F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-ħlasijiet tal-ELGA fil-kuntest tal-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kontra riskji naturali jagħtux vantaġġ selettiv, il-Kummissjoni qieset li, *a priori*, is-selettività tal-miżura tirriżulta mill-fatt li l-kumpens tal-ELGA kien limitat għal ċerti produzzjonijiet agrikoli.

Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li jista' jkun argumentat li l-karatteristiċi speċjali tas-settur agrikolu u d-dipendenza partikolari tiegħu fuq ċerti kundizzjonijiet klimatiċi kif ukoll il-vulnerabbiltà tiegħu minħabba r-riskji naturali fil-Greċja jeħtieġu l-istabbiliment ta' sistema tal-Istat li tiżgura livell minimu ta' kumpens ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà. Sakemm il-kumpens imħallas mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja jkun iffinanzjat mid-dħul mill-kontribuzzjoni ta' assigurazzjoni speċjali, il-Kummissjoni kkunsidrat li dan seta' eventwalment jitqies li ma jagħtix vantaġġ iġust lill-benefiċjarji.

Madankollu, ġustifikazzjoni bħal din ibbażata fuq il-loġika u n-natura tal-iskema ma tistax tkopri interventi finanzjarji addizzjonali tal-Istat Grieg għall-iskema inkwistjoni (minbarra l-finanzjament mill-kontribuzzjonijiet obligatorji). Madankollu, fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed elementi sabiex tikkonkludi li dan kien il-każ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha dubji li l-miżuri inkwistjoni kienu ffinanzjati mingħajr intervent addizzjonali mill-Istat.

(23) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet fl-istadju tal-proċedura tal-ftuħ li ma setax ikun

eskluż li l-kumpens imħallas mill-ELGA fl-2008 u fl-2009 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja jaqa' taħt l-Artikolu 107(1) tat-Trattat u li jitqies bħala għaj-nuna mill-Istat.

2. Kwalifika tal-miżuri bħala għaj-nuna illegali

- (24) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-għaj-nuna li ngħatat u tħallset mingħajr ma ġiet innotifikata minn qabel, hija għaj-nuna illegali skont it-termini tal-Artikolu 1(f) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

3. Evalwazzjoni preliminari tal-kompatibbiltà tal-għaj-nuna

- (25) Minħabba li l-awtoritajiet Griegi kienu sostnew li l-miżuri inkwistjoni ma kinux jikkostitwixxu għaj-nuna mill-Istat, fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni ma kellhiex l-informazzjoni meħtieġa sabiex tkun tista' tevalwa l-kompatibbiltà tal-għaj-nuna mad-dispożizzjonijiet tat-testi ġuridiċi applikabbli fil-mument tal-għoti tagħha, jiġifieri fl-2008 u fl-2009. F'dan il-każ, dawn huma l-Linji Gwida tal-Komunità rigward l-għaj-nuna mill-Istat fl-Agrikoltura u l-forestrija 2007-2013 ⁽⁸⁾ (minn hawn 'il quddiem, il-Linji Gwida) u b'mod partikolari l-Kapitolu V.B dwar l-għaj-nuna maħsuba sabiex tikkumpensal-ħsarat fil-produzzjoni agrikola jew fil-mezzi ta' produzzjoni agrikola.
- (26) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, kien jidher li l-kumpens previst għall-parti l-kbira tal-kultivazzjonijiet ikkonċernati kien maħsub għal ħsarat li kienu jilhq u minimu ta' 30 % filwaqt li jkun ikkunsidrat it-telf fil-produzzjoni jew id-deterjorament fil-kwalità ta' ċerti prodotti, li seħħew matul is-sena kkonċernata, minħabba taħlita ta' aktar minn fenomenu metereoloġiku ħażin wieħed kif ukoll, fil-każ ta' ċerti kultivazzjonijiet, minħabba mard tal-pjanti wkoll. L-informazzjoni mibgħuta mill-awtoritajiet Griegi ma kinitx tippovdi tagħrif dwar il-metodu tal-kalkolu tal-kumpens inkwistjoni.
- (27) Għaldaqstant il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk din l-għaj-nuna setgħetx titqies kompatibbli mal-Kapitolu V.B tal-Linji Gwida.

IV. KUMMENTI MRESSQA MINN PARTIJIET TERZI

- (28) Il-partijiet interessati li ressqu l-kummenti tagħhom huma l-Kumitat Ewropew għall-Bejjieġha tal-Prodotti Agrikoli u tal-Prodotti Agrikoli għall-Ikel, minn hawn 'il quddiem CELCAA, Il-Kumitat Ewropew taċ-Ċereali, tal-Għalf tal-Animali, tal-Frott taż-Żebbuġ, taż-Żejt taż-Żebbuġa, taż-Żebbuġ, tax-Xaħmijiet u tal-Kummerċ Agrikolu u tal-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ COCERAL, kif ukoll parti terza interessata oħra li talbet li l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali.
- (29) Fir-rigward tal-bejjieġha indipendenti (il-parti terza interessata) u, rigward CELCAA u COCERAL li għandhom l-għan li jħarsu l-interessi tal-bejjieġha indipendenti, il-partijiet interessati jemmnu li din l-għaj-nuna mogħtija

inizjalment lil xi bdiewa fir-realtà kienet tasal għand kooperattivi agrikoli u għand l-assoċjazzjonijiet tagħhom li, minħabba li għandhom il-ġestjoni esklussiva tal-prodotti agrikoli, huma għalhekk, f'kompetizzjoni mal-bejjieġha indipendenti.

- (30) Skont il-partijiet interessati, il-Greċja ma tatx provi li jistgħu juru li l-kumpens inkwistjoni ingħata għal telf li rriżulta minn kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. L-awtoritajiet Griegi ma tawx deskrizzjoni analitika rigward innatura tal-kundizzjonijiet klimatiċi kkonċernati b'appoġġ għall-informazzjoni meterjoloġika xierqa skont il-Linji Gwida.
- (31) Skont l-opinjoni tal-partijiet interessati, l-awtoritajiet Griegi la kienu spjegaw il-metodu ta' kalkolu użat fir-rigward tal-kumpens inkwistjoni u lanqas il-minimu tat-telf imġarrab. Barra minn hekk, il-kumpens inkwistjoni kien limitat għal ċerti prodotti agrikoli, għalkemm il-produtturi ta' prodotti oħrajn esklużi mill-kumpens inkwistjoni sofrew l-istess telf fil-produzzjonijiet rispettivi tagħhom.
- (32) Il-partijiet interessati kienu wkoll tal-fehma li l-għoti tal-kumpens inkwistjoni kellu impatt fuq l-iffurmar tal-prezz tal-prodotti finali, minħabba t-tnaqis fil-prezzijiet tal-prodotti kkonċernati minħabba dan il-kumpens. Għalhekk, din l-għaj-nuna tat vantaġġ ekonomiku lill-produtturi kkonċernati billi tathom il-possibbiltà li jbiegħu dawkl il-partijiet tal-produzzjonijiet tagħhom li ma kinux affettwati mill-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena f'kundizzjonijiet li ħolqu tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, l-aġenti privati tat-tqegħid fis-suq (bħall-bejjieġha, l-imtieħen tad-dqiq, l-imtieħen tal-għalf, dawkl li jrabbu t-tjur, dawkl li jrabbu l-majjali eċċ.) kienu mġiegħla jseguw politika ta' prezzijiet imposti mill-kooperattivi agrikoli u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, li qiegħed lil dawn il-kooperattivi f'sitwazzjoni ta' monopolju.
- (33) Barra minn hekk, il-kopertura li l-ELGA toffri fir-rigward tar-riskji li għalihom is-settur agrikolu huwa espost għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tal-ugwaljanza. Skont il-fehma tal-partijiet interessati, mhuwiex aċċettabbli li t-total tal-kumpens imħallas mill-ELGA fl-2008 u fl-2009 kien jaqbeż bi tliet darbiet u b'erba' darbiet rispettivament l-ammonti totali tal-primjums tal-assigurazzjoni għall-istess snin.
- (34) Skont il-partijiet interessati, permezz tas-self il-ġdid li ħadet fis-sena 2009, l-ELGA "ipotekat" b'mod eċċessiv id-dħul li sejra tikseb matul l-għaxar snin li ġejjin, minħabba li hija kienet diġà responsabbli għall-ħlas lura tas-self li kienet ħadet fl-2008 u li għalih kienet "ipotekat" bil-quddiem il-ħlasijiet ta' assigurazzjoni għas-snin ta' wara. Il-partijiet interessati jirrapurtaw ukoll - l-eżistenza ta' żewġ selfiet addizzjonali li l-ELGA ħadet fl-2009, jiġifieri self ta' EUR 350 miljun li l-ELGA ħadet mingħand il-Bank ta' Piraeus kif ukoll self ta' EUR 112-il miljun li l-ELGA ħadet mill-Bank Agrikolu tal-Greċja u mill-Bank Nazzjonali tal-Greċja.
- (35) Il-partijiet interessati kienu wkoll tal-fehma li s-self ta' EUR 444 miljun u ta' EUR 415-il miljun huma dħul

⁽⁸⁾ ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

addizzjonali għal dak tal-ħlasijiet ta' assigurazzjoni li l-ħlas tagħhom huwa previst mil-liġi taħt forma ta' self meħud b'garanzija tal-Istat Grieg. Għaldaqstant, dan is-self għandu jitqies bħala riżorsa tal-Istat.

V. KUMMENTI MRESSQA MILL-GREĊJA

1. *Kummenti ġenerali rigward l-ghajjnuna ta' kumpens mogħtija fl-2008 u fl-2009*

- (36) Skont l-awtoritajiet Griegi, il-ħlasijiet ta' kumpens imħallsa mill-ELGA matul l-2008 u l-2009 m'hijiex għajjnuna mill-Istat.

Il-finanzjament tal-iskema ta' assigurazzjoni inkwistjoni jsir mill-ħlasijiet speċjali obligatorji mħallsa mill-bdiewa. Minħabba li din l-iskema ta' assigurazzjoni hija regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà soċjali, minn naħa l-ħlasijiet speċjali obligatorji m'għandhomx ikunu strettament proporzjonati għar-riskju assigurat u min-naħa l-oħra l-ammont tal-benefiċċji mħallsa m'għandux neċessarjament ikun proporzjonat mad-dħul tal-assigurat⁽⁹⁾. Għaldaqstant, skont l-awtoritajiet Griegi, f'dan il-każ dan huwa proprju kumpens imħallas bi tpattija għall-ħsarat li rriżultaw mill-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena li sofriet il-produzzjoni agrikola, skont il-liġi Griega rigward l-assigurazzjonijiet agrikoli mħallsa mill-ELGA.

Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet Griegi, fid-data ta' maturità l-ELGA tista' tħallas l-obbligi finanzjarji tagħha fil-kuntest tas-sistema ta' assigurazzjoni obligatorja. Din il-kapaċità tal-ELGA hija msaħħa mill-implimentazzjoni tal-Liġi l-ġdida Nru 3877/2010 dwar is-sistema ta' protezzjoni u ta' assigurazzjoni tal-attività agrikola li ttiprovdi sorsi ta' finanzjament addizzjonali favur l-ELGA. Għalhekk, din il-Liġi, fil-parti l-kbira tal-każijiet iżżid il-ħlas ta' assigurazzjoni speċjali (għall-ħsarat fil-produzzjoni tal-ħxejjex, minn 3 % għal 4 % u għall-ħsarat għall-produzzjoni tal-bhejjem minn 0,50 % għal 0,75 %). Barra minn hekk, din tistabblixi assigurazzjoni fakultat-tiva għal telf li mhuwiex kopert mill-assigurazzjoni obligatorja kif ukoll assigurazzjoni ġenerali li għandha titħallas lill-ELGA mill-persuni fiżiċi li x-xogħol ewlieni tagħhom mhuwiex il-biedja u mill-persuni ġuridiċi li l-maġġoranza tal-ishma tagħhom ma tappartjenix lil dawkl-x-xogħol ewlieni tagħhom huwa l-biedja.

- (37) Madankollu, anki jekk il-ħlas ta' kumpens kellu jitqies bħala għajjnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Griegi jemmnu li huwa kompatibbli mal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u mal-Linji Gwida. L-awtoritajiet Griegi pprovdew tagħrif dettaljat lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar kull għajjnuna mogħtija mill-ELGA fl-2008 u fl-2009 li fiha indikaw l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa ta' kull bidwi kkonċernat, iż-żona fejn tinsab l-art, it-tip ta' kultivazzjoni, l-unità ta' kejl tal-kultivazzjoni u n-numru ta' unitajiet użati, l-ammont tal-għajjnuna u d-data tal-għoti tal-għajjnuna, id-deskrizzjoni tal-ħsara u l-livell tagħha mqabbel mal-produzzjoni normali.

- (38) Rigward il-ħlasijiet ta' kumpens matul l-2008 u l-2009 għal ħsarat li qerdu aktar minn 30 % tal-produzzjoni normali ta' ħxejjex, l-awtoritajiet Griegi jemmnu li l-kundizzjonijiet kollha previsti fil-punti 124 sa 130 tal-Linji Gwida kif ukoll fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet (KE) tal-Kummissjoni Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajjnuna mill-Istat lill-intrapriżi zġhar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli⁽¹⁰⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament dwar l-eżenzjonijiet") huma ssodisfati.

- (39) Fil-fehma tal-awtoritajiet Griegi, l-għajjnuniet inkwistjoni tħallsu lill-produtturi kkonċernati jew lil organizzazzjonijiet ta' produtturi li magħhom huma affiljati l-produtturi, skont il-Linji Gwida u r-Regolament dwar l-eżenzjonijiet imsemmija hawn fuq. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw b'mod partikolari:

- (a) l-ammont tal-għajjnuna fl-ebda każ ma qabeż dak tat-telf attwali sofrut mill-produtturi,
- (b) rigward l-intensità tal-għajjnuna, l-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet ġew irrispettati, minħabba li l-ELGA ma ħallset l-ebda kumpens li jaqbeż l-74,8 % tat-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tal-prodott minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena,
- (c) l-ammont massimu tat-telf eliġibbli għall-għajjnuna tnaqqas bi kwalunkwe ammont riċevut taħt l-iskema ta' assigurazzjoni u mill-ispejjeż mhux imġarbra minħabba l-klima hżaina,
- (d) it-telf ġie kkalkulat fil-livell tal-irziezet individwali, u
- (e) id-deċiżjoni tal-għoti tal-għajjnuna inkwistjoni kif ukoll il-ħlas tal-imsemmija għajjnuna sehew fi żmien l-iskadenzi ta' tliet snin wara t-telf u erba' snin wara t-telf rispettivament, stabbiliti fl-Artikolu 11(10) tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.
- (f) l-għajjnuna inkwistjoni ma nġabritx flimkien ma' għajjnuna oħra mill-Istat u lanqas mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji allokati mill-Istati Membri jew mill-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-istess spejjeż eliġibbli. Il-produtturi kkonċernati ma kinux ingħataw għajjnuna inkwistjoni bħala tpattija għall-istess telf fuq bażi ta' aktar minn test legali wieħed, għalhekk, din l-għajjnuna kienet ingħatat kemm skont il-Linji Gwida, kif ukoll skont ir-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajjnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli⁽¹¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament *de minimis*" jew il-Komunikazzjoni tat-22 ta'

⁽⁹⁾ F'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl ippreżentati fl-14 ta' Novembru 2002 dwar il-każwa C-355/00, Freskot/Elliniko Dimosio, Ġabra 2003, p.I-5263, punt 68.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.

⁽¹¹⁾ ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.

Jannar 2009 għall-ghajjnuna mill-Istat maħsuba sabiex tappoġġja l-aċċess għall-finanzjament fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju")⁽¹²⁾.

- (40) Fir-rigward tal-metodu tal-kalkolu tal-produzzjoni normali, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw informazzjoni dwar il-metodu użat u kkonfermaw li l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 128 tal-Linji Gwida, li f'każ ta' użu ta' metodu alternattiv, dan għandu jkun rappreżentattiv u mhux ibbażat fuq rendimenti għoljin aktar minn normal, huma ssofisfati. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni tat-telf li rriżulta mill-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena ssir fil-livell tal-irziezet individwali minn agronomi abbażi ta' stimuli fuq il-post, kif huwa previst mir-Regolament tal-ELGA dwar l-assigurazzjoni. Waqt l-analiżi fuq il-post, l-agronomu u evalwatur ikejjel il-kobor tal-art b'kull mezz xieraq (rutella, karti ta' identifikazzjoni tal-artijiet, apparat GPS), u, f'każ ta' kultivazzjonijiet ta' siġar, jgħodd l-ammont ta' siġar. Wara, l-agronomu jistma l-produzzjoni mistennija mill-biċċa art waqt li jikkunsidra t-tekniki ta' kultivazzjoni użati (b'mod partikolari d-densità tat-tħawwil, is-sistema ta' żbir fil-kultivazzjoni tas-siġar, uċuħ bikrija bl-użu ta' folji tal-plastik, is-sistema ta' tisqija), il-varjetà tal-ispeċijiet ikkultivati, il-kultivazzjoni preċedenti f'każ ta' kultivazzjonijiet annwali, il-kontroll tal-kultivazzjonijiet (b'mod partikolari l-fertilizzazzjoni, il-kontroll tal-insetti), il-produttività tal-ħamrija u partikolaritajiet eventwali tas-sena ta' produzzjoni (bħal nixfa, problemi ta' stabbiliment tal-frott). Fl-aħħar, tiġi stmata r-rata ta' ħsara fuq il-produzzjoni mistennija mill-art. Biex tkun iddeterminata r-rata ta' ħsara, jittieħdu kampjuni minn partijiet differenti mill-art filwaqt li jiġi kkunsidrat it-telf fil-kwantità tal-produzzjoni mistennija, id-degradazzjoni tal-kwalità minħabba l-ħsara, il-kontroll tal-kultivazzjoni wara li tkun saret il-ħsara (bħall-protezzjoni addizzjonali għall-ħxejjex, tnaqqiqh addizzjonali, esklużjoni tal-frott imħassar).

2. Kummenti speċifiċi dwar il-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2008

- (41) Fost l-ghajjnuniet li l-ELGA tat matul is-sena 2008, jiġi fieri EUR 386 986 648 tħallas kumpens ta' EUR 373 257 465,71 lill-produtturi bħala tpattija għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. Rigward din l-ghajjnuna, l-ELGA applikat l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-assigurazzjoni tal-produzzjoni ta' ħxejjex fir-rigward tal-kumpens lil produtturi ta' prodotti agrikoli bħala tpattija għat-telf minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena kif previsti mil-Liġi nazzjonali 1790/1988 li tistabbilixxi s-sistema ta' assigurazzjoni tal-ELGA.
- (42) Għall-ghajjnuna inkwistjoni, il-Greċja pprovdi informazzjoni meteoroloġika rigward il-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena osservati matul is-sena ta' attività 2007-2008. Dawn il-fenomeni meteoroloġiċi ħżiena kienu rikonoxxuti formalment mill-awtoritajiet pubbliċi. Dawn kienu

jinkludu b'mod partikolari l-mewġa ta' sħana osservata fl-aħħar ta' Ġunju u Lulju 2007 fil-pajjiż kollu, xita qawwija f'diversi reġjuni tal-pajjiż f'Ottubru 2007 kif ukoll irjeh xotti u shuni katabatiċi (katabatic) osservati f'dan l-istess xahar fi Kreta, maltempati u silġ fil-bidu tax-xahar ta' Awwissu 2008 f'ċerti dipartimenti fil-Majjistral u fi-ċentru tal-Greċja kontinentali kif ukoll maltempati fl-aħħar tax-xahar ta' Awwissu fir-reġjuni ta' Manjesja, Viotia, tal-Attika tal-Lvant u fil-gżejjer ta' Evia u ta' Kreta.

B'mod partikolari, il-kumpens inkwistjoni ingħata għal hsrat li kienu jaqbżu r-rati ta' produzzjoni normali li ġejjin⁽¹³⁾:

Rata minima ta' ħsara meta mqabbla mal-produzzjoni normali	Ammont totali ta' kumpens (Euro)	Numru ta' ħbula ta' art agrikoli li sofrew telf	% fuq l-ammont totali tal-kumpens
20 - 29 %	26 063 999,19	101 162	6,98 %
30 - 100 %	347 193 466,52	565 244	93,02 %
Total	373 257 465,71	666 406	100 %

Barra minn hekk, l-ELGA tat kumpens addizzjonali ta' EUR 2 472 785,97 lil produtturi li matul l-istess sena ta' attività 2007-2008 sofrew telf ieħor fl-istess produzzjoni ta' ħxejjex minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. Għal 6,98 % tal-ammont totali ta' dan il-kumpens il-livell ta' ħsara kien laħaq ukoll 20 % sa 30 % tal-produzzjoni normali u għal 93,02 % tal-ammont totali tiegħu, il-ħsara qerdet aktar minn 30 % tal-produzzjoni normali.

- (43) Barra minn hekk, fost l-ghajjnuniet li l-ELGA tat lill-bdiewa matul is-sena 2008, ingħatat ukoll din l-ghajjnuna li ġejja:
- (a) ghajjnuna ta' EUR 7 338 119,74 għall-telf fil-kapital tal-bhejjem. Minn dan it-telf, ammont ta' EUR 1 860 279,67 kien jikkorrispondi għal telf fil-kapital tal-bhejjem minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena, ammont ta' EUR 3 188 825,78 kien jirrappreżenta telf minħabba mard tal-annimali u ammont ta' EUR 2 289 014,29 kien jirrappreżenta telf ikkawżat minn hsrat oħra (bħal attackki minn annimali selvaġġi, orsijiet, ilpup u klieb li jiġru fit-toroq). Din l-ghajjnuna hija meqjusa mill-awtoritajiet Griegi bħala kumpens reali fil-kuntest tas-sistema ta' assigurazzjoni obbligatorja u ma tikkostitwixxix ghajjnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat,

⁽¹²⁾ ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1. Il-Komunikazzjoni kienet emendata l-aħħar f'Ottubru 2009 (ĠU C 261, 31.10.2009).

⁽¹³⁾ L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-assigurazzjoni tal-produzzjoni tal-ħxejjex (Deċiżjoni Ministerjali Komuni Nru 15711, 30.9.1998) tipprovdi l-limitu minimu ta' ħsara ta' 20 % tal-produzzjoni normali sabiex il-ħsara tkun koperta mill-ELGA.

- (b) għajnuna ta' EUR 114 374,86 għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l- ors. Din l-għajnuna tingħata fil-kuntest tal-programm Komunitarju "LIFE" għall-ħarsien tal-ors il-kannella fil-Greċja. L-intensità tal-għajnuna kienet ta' 100 %, u
- (c) għajnuna ta' EUR 3 803 901,72 għal azzjonijiet korrettivi wara żbalji involontarji fir-rapporti ta' stima rigward it-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex u fil- kapital tal-bhejjem. Dawn l-iżbalji, li nstabu wara l-ħlas tal-għajnuna lill-bdiewa, kienu jikkostitwixxu dejn tal-ELGA fir-rigward ta' beneficijarji kkonċernati.

3. Kummenti speċifiċi rigward il-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2009

- (44) Rigward il-kumpens mogħti matul is-sena 2009 abbażi tad-Deċizzjoni Interministerjali tat-30 ta' Jannar 2009, jiġifieri EUR 415 019 452, il-prodotti kkonċernati, il-kundizzjonijiet klimatiċi li kkawżaw il-ħsara u d-deskrizzjoni tal-ħsarat huma mogħtija fit-tabella li ġeja.

Prodott agrikolu	Ammont totali tal-kumpens (EUR)	Kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena	Deskrizzjoni tal-ħsara kkawżata
1. Lewż Ċirasa Berquq (varjetà Bebekou) Tuffieħ Għanbaqar Lanġas	56 580 555 (għall-prodotti kollha)	Temperaturi għoljin u sħana kbira Xitwa sħuna u niexfa Nixfa għal żmien twil Tibdil f'daqqa fit-temperatura	It-temperaturi għoljin u l-mewġa ta' sħana matul is-sajf tal-2007 kellhom effett negattiv fuq il-produzzjoni ta' dawn il-prodotti u b'mod partikolari fuq il-formazzjoni ta' blanzuni tal-kultivazzjonijiet tal-frott. In-nixfa fit-tul fl-2007 u l-bidliet f'daqqa fit-temperatura kkawżaw tnaqqis fil-produzzjoni. Barra minn hekk, minħabba x-xitwa sħuna u niexfa l-perjodu ta' letarġija ta' diversi kultivazzjonijiet tas-siġar ma kinux biżżejjed
2. Ħawħ	10 970 348	L-istess kundizzjonijiet klimatiċi taħt in-nru 1	L-istess ħsara kkawżata bħal dik taħt in-nru 1
3. Asparagu	6 751 747	Xitwa sħuna u xotta Temperaturi baxxi	Ix-xitwa sħuna u xotta matul l-2007-2008 ikkontribwiet għaż-żieda fl-attività katabolika tal-asparaġi u kkawżat it-telf tan-nutrijenti maħżuna. Dawn il-kundizzjonijiet irriżultaw fit-tnaqqis f'daqqa tal-produzzjoni futura tal-asparaġi. Il-produzzjoni diġà mnaqqsa kienet ukoll influwenzata mit-temperaturi baxxi fi Frar 2008 li ħolqu dewmien fit-tkabbir. Dan ikkawża tnaqqis addizzjonali fil-ħsad tal-asparaġi fl-2008 fil-Greċja.
4. Tabakk tal-Lvant	13 817 834	Temperaturi għoljin u sħana kbira Nixfa	It-temperaturi għoljin u l-mewġa ta' sħana matul is-sajf tal-2007 flimkien man-nixfa għamlu t-trattament tal-infestazzjonijiet tal-insetti u ta' virus ikkawżati minn parassiti li jagħmlu l-ħsara (thrips) u wasslu għat-tnaqqis tal-produzzjoni tat-tabakk fil-pajjiż kollu.
5. Patata tas-sajf	7 220 996	Temperaturi għoljin	It-temperaturi għoljin matul is-sajf tal-2006 u tal-2008 għamlu diffiċli t-trattament ta' infestazzjonijiet entomologiċi u fitopatologiċi għall-kultivazzjoni tal-patata tas-sajf f'diversi dipartimenti tal-Greċja.
6. Qoton	109 564 462	Nixfa għal żmien twil Sajf sħun Ħarifa kiesħa Xita	In-nixfa fit-tul ikkawżat it-tnaqqis tar-riservi tal-ilma. Is-sajf sħun segwit minn ħarifa kiesħa flimkien max-xita eċċessiva lejn l-aħħar tax-xahar ta' Settembru tal-2008 ikkawżaw it-tnaqqis u d-degradazzjoni fil-kwalità tal-produzzjoni tal-qoton fil-pajjiż kollu.
7. Żebbuġ	72 026 112	Nixfa Ġlata Xita	In-nixfa fit-tul, il-ġlata ta' Frar tal-2008 wara xitwa ħafifa, it-temperaturi għoljin u x-xita eċċessiva matul il-perjodu tal-fjoritura taż-żebbuġ ħolqu tnaqqis kbir fil-produzzjoni taż-żebbuġ fil-pajjiż kollu.

Prodott agrikolu	Ammont totali tal-kumpens (EUR)	Kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena	Deskrizzjoni tal-ħsara kkawżata
8. Ċereali (qamhir-run, qamħ, xgħir, ħafur, segala, ross)	138 087 394	Xita Tibdil fit-temperatura	Ix-xita u l-bidliet fit-temperatura matul ir-rebbiegħa u l-ħarifa tal-2008 ħolqu d-degradazzjoni fil-produzzjoni taċ-ċereali u ffaċilitaw l-iżvilupp ta' infestazzjonijiet fitopatoloġiċi. Id-degradazzjoni tal-kwalità hija dovuta wkoll għall-assenza ta' nutrijenti meħtieġa (proteini, glutina) minħabba kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena.
Total	415 019 448		

(45) Skont l-awtoritajiet Griegi, fost il-kumpens ta' EUR 415 019 452, l-ghajjnuna ta' EUR 27 614 905, mogħtija lil 871 produttur, hija meqjusa bħala ghajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u tal-Linji Gwida.

(46) Il-bqija tal-ammont ta' din l-ghajjnuna, EUR 387 404 547, ingħata lil 784 408 produttur. Skont l-awtoritajiet Griegi, l-ghajjnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.

Skont il-fehma tal-awtoritajiet Griegi, l-ghajjnuna inkwistjoni kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet. B'mod partikolari:

(a) l-intensità grossa tal-ghajjnuna ma qabzix 80 % tat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ tal-prodott minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena,

(b) it-telf ġie kkalkulat fil-livell tal-irziezet individwali,

(c) l-ammont tat-telf ma kiex jinkludi nefqiet li ma sarux minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena u l-produtturi ma rċevewx kumpens minn organizzazzjonijiet oħrajn tal-assigurazzjoni,

(d) il-kumpens inkwistjoni kien tħallas direttament lill-bdiewa,

(e) id-deċizzjoni tal-għoti tal-ghajjnuna inkwistjoni kif ukoll il-ħlas tal-imsemmija ghajjnuna sehew fl-iskadenzi ta' tliet snin wara t-telf u ta' erba' snin wara t-telf rispettivament.

(f) il-metodu ta' kalkolu tal-produzzjoni normali huwa l-istess bħal dak deskritt fil-premessa 42 dwar l-ghajjnuna mogħtija fl-2008.

(47) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi jemmnu li anki jekk din l-ghajjnuna ma setgħetx titqies bħala kumpens reali (ara l-premessa 36) jew kompatibbli mar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet (ara l-premessa 46), din

għandha tkun ikkunsidrata skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat u l-Komunikazzjoni għall-Qafas Temporanju.

L-għoti tal-ghajjnuna inkwistjoni ffaċilita l-aċċess għall-finanzjament tal-bdiewa kkonċernati. Għalhekk, l-imsemmi kumpens żgħira likwidità finanzjarja fil-produzzjoni primarja fil-Greċja, l-uniku settur li fuqu seta' jiddependi l-Istat matul dawn l-ewwel xhur ta' kriżi ekonomika sabiex jevita perikli f'setturi oħrajn tal-ekonomija Griega. Madankollu, din l-ghajjnuna ngħatat bl-applikazzjoni ta' kriterji speċifiċi. Bil-kontra ta' dan, l-ghajjnuna kienet ingħatat biss f'każ ta' problemi ekonomiċi reali marbuta esklussivament mal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u b'mod aktar konkret f'każ ta' problemi marbuta mal-eżistenza ta' kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena li sofriet il-produzzjoni agrikola (ara l-premessa 44). Fil-każ tal-parti l-kbira ta' din l-ghajjnuna, ma kinux ġew stabbiliti limiti li jirrigwardaw l-intensità u l-grad tal-problema ta' kull produttur, minħabba li l-għan kien l-appoġġ tal-ekonomija agrikola Griega inġenerali.

(48) Barra minn hekk, skont il-punt 7(a) tal-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tapplika l-imsemmija Komunikazzjoni fir-rigward tal-ghajjnuna mhux innotifikata⁽¹⁴⁾ jekk l-ghajjnuna ngħatat wara s-17 ta' Diċembru 2008. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Griegi huma tal-fehma li l-punt 7(a) tal-imsemmija Komunikazzjoni japplika fir-rigward tal-ghajjnuna mhux innotifikata inkwistjoni, minħabba li din ingħatat lill-produtturi wara s-17 ta' Diċembru 2008.

(49) L-awtoritajiet Griegi jemmnu li din l-ghajjnuna, ipprovduta b'mod eċċezzjonali, permezz tad-Digriet Interministerjali tat-30 ta' Jannar 2009, tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-punt 4.2.2 tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju. B'mod partikolari:

(a) l-ghajjnuna ingħatat fil-forma ta' skema, minħabba li kienet ibbażata fuq id-digriet interministerjali msemmi hawn fuq,

⁽¹⁴⁾ Skont il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tar-regoli applikabbli għall-evalwazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat illegali (ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22).

- (b) din ingħatat lil impriżi li ma kinux f'diffikultà fl-1 ta' Lulju 2008, skont il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-ghajjnuna mill-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati impriżi f'diffikultà. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li din l-ghajjnuna kienet ingħatat esklussivament lil persuni fiżiċi u li dawn, fil-parti l-kbira tagħhom, kienu eżenti mil-liġi Griega milli jissottomettu dikjarazzjoni tat-taxxa, minħabba li d-dħul annwali tagħhom kien inqas minn EUR 12 000. Il-produtturi kollha li rċevew il-kumpens inkwistjoni kellhom tranżazzjonijiet pendenti mal-banek, il-pagamenti ta' din l-ghajjnuna ġew iddepożitati fil-kontijiet bankarji tagħhom. L-awtoritajiet Griegi jkkonfermaw li l-produtturi inkwistjoni kienu solventi u kellhom opportunità ta' finanzjament bankarju biżżejjed. Għaldaqstant, dawn il-produtturi ma kinux f'diffikultà meta tħallsu dawn l-ghajjnuniet.
- (c) l-iskema ta' ghajjnuna ma ġietx applikata għall-impriżi attivi fis-settur tas-sajd,
- (d) din l-ghajjnuna ma kinitx ghajjnuna għall-esportazzjoni lanqas ghajjnuna li tiffavorixxi l-prodotti domestiċi fuq dawk importati,
- (e) l-ghajjnuna ngħatat matul is-sena 2009, u għalhekk qabel il-31 ta' Diċembru 2010 kif jipprovdi l-punt 4.2.2 (f) tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju, u
- (f) l-ammont tal-ghajjnuna lil kull bidwi kien ivarja bejn EUR 7 501 u EUR 15 000.
- (50) Skont il-punt 4.2.2(g) tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju kif kien emendat f'Ottubru 2009, l-ghajjnuna inkwistjoni li ħa kull bidwi kkonċernat m'għandhiex ittella' l-ammont totali tal-ghajjnuna riċevuta minn kull bidwi kkonċernat matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010 għal aktar mil-limitu ta' EUR 15 000. Skont il-fehma tal-awtoritajiet Griegi, il-fatt li l-ELGA ma kisbitx mill-bidwi kkonċernat dikjarazzjoni fuq karta jew f'forma elettronika dwar l-ghajjnuniet l-oħra *de minimis* u l-ghajjnuna bbażata fuq il-miżura taħt il-Qafas Komunitarju Temporanju li rċieva matul is-sena fiskali attwali għandu jkun biss formalità. Għalhekk, in-nuqqas ta' din il-formalità m'għandux iwassal għall-konklużjoni li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt 4.2.2 (g) tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju kif emendat f'Ottubru 2009 ma kinitx issodisfata, speċjalment peress li, kif jista' jintwera mis-sistema ta' tabulazzjoni tal-ELGA, matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010 il-Greċja ma kinitx tat ghajjnuna *de minimis* lill-produtturi tas-settur primarju tal-prodotti agrikoli jew ghajjnuna fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju.
- (51) Fi kwalunkwe każ, skont il-fehma tal-awtoritajiet Griegi, minn dan l-ammont ta' EUR 387 404 547, ghajjnuna ta' EUR 75 382 500 tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis*.
- (52) L-awtoritajiet Griegi huma tal-fehma li l-ghajjnuna msemmija hawn fuq ta' EUR 75 382 500 tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1535/2007 dwar l-ghajjnuna *de minimis*. B'mod partikolari:
- (a) skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1535/2007, għall-ghajjnuna msemmija hawn fuq, il-bdiewa kkonċernati ma rċevewx kumpens li kien jaqbeż l-ammont ta' EUR 7 500 għal kull bidwi fil-perjodu tas-snin fiskali 2008 sa 2010,
- (b) l-ammont akkumulat ta' ghajjnuna *de minimis* mogħtija mill-Greċja lill-impriżi agrikoli fuq perjodu ta' tliet snin fiskali ma qabiżx l-ammont ta' EUR 75 382 500, jiġifieri l-ammont massimu akkumulat għall-Greċja skont l-Artikolu 3(3) u l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1535/2007.
4. Noti dwar il-kummenti tal-partijiet terzi
- (53) Il-Greċja ssostni li l-partijiet interessati ma pprovdewx provi sabiex juru li l-kumpens inkwistjoni kellu effett fuq il-pożizzjoni tal-membri tagħhom fis-suk intern.
- (54) Rigward il-kumment li ma ngħatatx deskrizzjoni tan-natura ta' kundizzjonijiet klimatiki ħżiena, l-awtoritajiet Griegi jenfasizzaw li din id-deskrizzjoni mhijiex meħtieġa fid-deċizzjoni interministerjali li tirrigwarda l-kumpens u li dak li, għall-kuntrarju, kien meħtieġ jintwera kien, minn naħa, l-eżistenza tal-kundizzjonijiet klimatiki ħżiena u, min-naħa l-oħra, jekk il-ħsara kkwawzata kinitx laħqet il-limitu minimu ta' 30 % meta mqabbel mal-produzzjoni normali. Barra minn hekk, il-Greċja ppreżentat, bħala parti mill-kummenti li tat lis-servizzi tal-Kummissjoni, tagħrif analitiku rigward il-kundizzjonijiet klimatiki inkwistjoni b'appoġġ għall-informazzjoni meteoroloġika xierqa.
- (55) Rigward il-kumment li l-Greċja la speċifikatx il-metodu ta' kalkolu użat għall-kumpens inkwistjoni u lanqas il-limitu minimu tat-telf sofrut, l-awtoritajiet Griegi jfakkru li fil-kummenti li ppreżentat lill-Kummissjoni, il-Greċja pprovdi informazzjoni dettaljata rigward dawn iż-żewġ kwistjonijiet.
- (56) Skont l-awtoritajiet Griegi, l-għoti tal-kumpens inkwistjoni ma kellux effett fuq il-konsumaturi finali, minħabba li t-tnaqqis tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli kkonċernati ma ġabx tnaqqis fil-prezzijiet bl-imnut. Biex isostnu din il-fehma, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw artikli tal-istampa Griega li kienu jindikaw li l-prezzijiet bl-imnut għal diversi prodotti agrikoli, inklużi l-prodotti involuti f'dan il-każ, baqgħu flivelli għoljin minkejja l-fatt li l-prezz tal-bejgħ bl-ingrossa ta' dawn il-prodotti kien naqas.

VI. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

1. *L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat*

- (57) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jiddikjara bħala inkompatibbli mas-suq intern, safejn toqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal tgħawwiġ jew theddida ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori. Il-Kummissjoni temmen li, fir-rigward tal-miżuri inkwistjoni, il-kundizzjonijiet imsem-mija hawn fuq ġew issodisfati
- (58) Miżuri mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat

Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 2003 fil-kawża C-355/00 bejn Freskot AE u Elliniko Dimosio⁽¹⁵⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-*"kawża Freskot"*), din il-kundizzjoni hija ssodisfata f'dan il-każ minħabba li l-liġi nazzjonali inkwistjoni tistabbilixxi b'mod ċar li l-benefiċċji pprovduti mill-ELGA huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat u li dawn huma attribwibbli lill-Istat skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁽¹⁶⁾.

Bħal fil-każ tal-kawża Freskot, f'dan il-każ ukoll, jirriżulta mill-Artikolu 5(a) tal-Liġi 1790/1988 (ara wkoll il-premessa 11) u mid-dispożizzjonijiet l-oħrajn fis-seħħ tal-liġi Griega fis-seħħ, id-dħul tal-ELGA li ġej mill-kontribuzzjoni speċjali jinġabar mit-Taxxi Interni, jidħol fil-baġit tal-Istat bħala dħul tal-Istat u jitħallas lill-ELGA fil-baġit tal-Ministeru tal-Agricoltura (li sar il-Ministeru tal-Iżvilupp Rurali u tal-Ikel). Għaldaqstant, il-fatt li l-kontribuzzjonijiet inkwistjoni huma rikonoxxuti bħala dħul tal-Istat huwa biżżejjed sabiex wieħed iqis li l-benefiċċji pprovduti mill-ELGA huma meħuda minn riżorsi tal-Istat.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2 tal-Liġi 1790/1998⁽¹⁷⁾, permezz ta' deċizzjoni tal-Ministru tal-Agricoltura, l-ELGA tista' tħallas għajnuna jew kumpens lill-benefiċjarji permezz tat-trasferiment tar-riżorsi mill-baġit tal-Istat jew permezz ta' self meħud mill-ELGA bil-garanzija tal-Istat Grieg u l-obbligu tal-Istat Grieg li jħallas lura s-self.

Madankollu, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-vantaġġi li jingħataw direttament mill-Istat kif ukoll dawk li jingħataw permezz ta' organizzazzjoni pubblika jew privata, maħtura jew stabbilita minn dan l-Istat, jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat⁽¹⁸⁾. Għaldaqstant, f'dan il-każ,

⁽¹⁵⁾ Ġabra 2003, p.I-05263, punt 81.

⁽¹⁶⁾ Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, Franza/Kummissjoni fil-kawża C-482/99, Franza v Il-Kummissjoni, Ġabra 2002, p. I-4397, punt 24.

⁽¹⁷⁾ Artikolu emendat mill-Artikolu 13 tal-Liġi 3074/2002.

⁽¹⁸⁾ Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2001 fil-kawża C-379/98, PreussenElektra AG, Ġabra 2001, p. I-02099, punt 58. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Jannar 1985- fil-kawża 290/83, Il-Kummissjoni v Ir-Repubblika ta' Franza, Ġabra 1985, p. 439, punt 14.

iż-żewġ selfiet li ħadet l-ELGA għall-kumpens imħallas fl-2008 u fl-2009 li saru taħt il-garanzija tal-Istat Grieg (ara l-premessa 15 u -17) jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, minħabba li dawn jagħmlu parti mir-riżorsi tal-ELGA, kumpanija privata li tappartjeni kompletament lill-Istat u soġġetta għall-kontroll tal-Ministru tal-Agricoltura (ara wkoll il-premessa 8).

- (59) Miżuri li jolqtu l-kummerċ u li jwasslu għal tgħawwiġ jew theddida ta' tgħawwiġ għall-kompetizzjoni

Il-Kummissjoni tinnota li l-kumpens inkwistjoni jagħti vantaġġ lill-produttori domestiċi meta mqabbla ma' produttori Komunitarji oħrajn li ma jingħataw l-istess appoġġ. Is-settur agrikolu huwa miftuħ għall-kompetizzjoni fil-livell tal-Unjoni⁽¹⁹⁾ u, minħabba f'hekk, huwa sensittiv għal kwalunkwe miżura li tiffavorixxi l-produzzjoni fi Stat Membru jew ieħor⁽²⁰⁾. Il-kumpens inkwistjoni, jista', għalhekk, iwassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq intern u jolqt il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

- (60) Miżuri li jiffavorixxu ċerti impriżi jew ċerti produttori

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁽²¹⁾, huma kkunsidrati b'mod partikolari bħala għajnuna dawk il-miżuri li, taħt forom differenti, itaffu l-piżijiet li normalment ikunu inklużi fil-baġit ta' impriża u li, mingħajr ma jkun sussidji fis-sens strett, huma ta' natura simili u għandhom l-istess effetti.

Fis-sentenza Freskot, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kunċett ta' impriża skont l-Artikolu 102 tat-Trattat ma jkoprix organizzazzjoni bħall-ELGA fir-rigward tal-attivitajiet tagħha taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kontra r-riskji naturali (ara l-punti 79 u 88 tas-sentenza).

⁽¹⁹⁾ Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, titjib fil-qagħda kompetittiva ta' impriża wara għajnuna mill-Istat huwa ġeneralment il-prova ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni mal-impriżi l-oħrajn li ma bbenefikawx minn għajnuna simili (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980 fil-kawża C-730/97, Philip Morris v Il-Kummissjoni, Ġabra 1980, p. 2671, edizzjoni Griega 1980-III, p. 13, punti 11 u 12).

⁽²⁰⁾ Fl-2008 il-kummerċ interkomunitarju fl-UE-27 kien jirrappreżenta 11 043 000 tunnellata għall-prodotti tal-ħxejjex fuq il-bażi tad-dħul u 10 799 000 tunnellata fuq il-bażi tal-ħruġ; għall-frott 13 494 000 tunnellata (dħul) u 13 227 000 tunnellata (ħruġ) li minnhom 4 236 000 tunnellata (dħul) u 4 322 000 tunnellata (ħruġ) għaċ-ċitru; 6 130 000 tunnellata (dħul) u 5 760 000 tunnellata (ħruġ) għall-patata; għaż-żejt taż-żebbuġa 777 000 tunnellata (dħul) u 724 000 tunnellata (ħruġ); għall-ħalib u għall-prodotti l-oħrajn tal-ħalib 12 326 000 tunnellata (dħul) u 13 130 000 tunnellata (ħruġ); għal-laħam tan-nagħaž u tal-mogħoż, inklużi animali ħajjin, fpiz tal-karkassa 235 000 tunnellata (dħul) u 275 000 tunnellata (ħruġ); għal-laħam tat-tjur, inklużi animali ħajjin, fpiz tal-karkassa 3 346 000 tunnellata (dħul) u 3 806 000 tunnellata (ħruġ).

⁽²¹⁾ Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 1998, Ecotrade, kawża C-200/97, Ġabra 1999, paġna I-A-00019, punt 37 u tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju v Il-Kummissjoni, kawża C-75/97, Ġabra 1999, p. I-03671, punt 23.

Fil-fatt, l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja inkwistjoni ssegwi primarjament l-għan ta' politika soċjali li jiżgura kopertura xierqa għall-irziezet kollha, inklużi għal dawk bi probabbiltà ogħla ta' riskji mill-okkorrenza ta' diżastri naturali (ara l-punti 66 u 67 tas-sentenza). Il-kontribuzzjoni tal-assigurazzjoni tolgot il-prodotti agrikoli kollha b'rati uniformi li huma indipendenti mir-riskju li effettivament jaffaċċja l-produttur (fuq il-bażi tal-prinċipju tas-solidarjetà). L-ELGA hija soġġetta għall-kontroll tal-Istat, minħabba li l-ammont tal-kontribuzzjoni, f'termini ta' dħul, kif ukoll ir-rati tal-kumpens huma stabbiliti mill-Ministri rilevanti.

Kif innutat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2002, fil-kawża C-218/00, *Cisal/INAIL* (22), f'dan il-każ iż-żewġ elementi essenzjali tal-iskema ta' assigurazzjoni tal-ELGA, jiġifieri l-ammont tal-kumpens u dak tal-kontribuzzjonijiet, huma soġġetti għall-kontroll tal-Istat u l-affiljazzjoni obligatorja li tikkaratterizza l-iskema hija indispensabbli għall-bilanċ finanzjarju tagħha kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà, li jindika li l-kumpens imħallas lill-assigurat mhuwiex proporzjonat mal-kontribuzzjonijiet imħallsa minn dan tal-aħħar.

Madankollu, b'differenza miċ-ċirkostanzi fil-kawża *Cisal/INAIL*, il-benefiċjarji tal-benefiċċji ta' assigurazzjoni tal-organizzazzjoni ELGA huma impriżi li jwettju attività ekonomika. Għalhekk, il-fatt li l-ELGA ma twettaqx hija stess xi attività ekonomika mhuwiex biżżejjed sabiex wieħed jikkunsidra li l-benefiċjarji tal-benefiċċji ta' assigurazzjoni mħallsa minn din l-organizzazzjoni mhumiex impriżi fis-sens tat-Trattat u mhumiex benefiċjarji potenzjali ta' għajjnuna mill-Istat (ara s-sentenza *Freskot*, punt 80).

Fir-rigward tal-kwistjoni tal-vantaġġ ekonomiku, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika sempliċement fil-punt 84 tas-sentenza *Freskot* li "F'dawn il-kundizzjonijiet, jeħtieġ li wieħed iwieġeb id-domanda, l-ewwel jekk, u jekk iva, sa liema punt, fin-nuqqas ta' kopertura obligatorja, l-irziezet Griegi kellhom u effettivament setgħu jiksbu assigurazzjoni mingħand kumpaniji ta' assigurazzjoni privati jew jagħmlu arranġamenti oħrajn sabiex jiproteġu lilhom infushom b'mod adegwat kontra l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-perikli naturali għal dawn l-irziezet u, it-tieni, sa liema punt il-kontribuzzjoni tikkorrispondi għall-ispiża ekonomika reali tal-benefiċċji pprovduti mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja, jekk tabilħaqq tali spiża tista' tiġi kkalkulata". Fil-punt ta' wara l-Qorti tinnota madankollu li "il-Qorti ma kellhiex l-elementi tal-fatti u tal-liġi sabiex twieġeb għall-parti tad-domanda dwar il-klassifikazzjoni possibbli ta' għajjnuna mill-Istat tal-benefiċċji mogħtija mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kontra riskji naturali". Madankollu, fil-punt 87 tas-sentenza *Freskot* il-Qorti tiddikkjara li "ma kellhiex l-elementi tal-fatti u tal-liġi sabiex twieġeb għall-parti tad-domanda dwar il-klassifikazzjoni possibbli ta' għajjnuna mill-Istat tal-benefiċċji mogħtija mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kontra riskji naturali".

- (61) Huwa kkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li la l-karattru soċjali tal-miżura (23) u lanqas il-fatt li hija totalment jew parzjalment iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet imposti mill-awtorità pubblika u miġbura mill-impriżi involuti (24) ma huma biżżejjed sabiex jeskludu l-miżura mill-klassifikazzjoni ta' għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 7(1) tat-Trattat, li ma jagħmilx distinzjoni fil-miżuri ta' intervent mill-Istat skont il-kawżi jew l-għanijiet iżda jiddefinixhom skont l-effetti tagħhom (25).

Il-kumpens imħallas fl-2008 mill-ELGA taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obligatorja kien jirrigwarda ċerti prodotti agrikoli Griegi li ġejjin mill-ħxejjex u mill-annimali u dak imħallas fl-2009 kien jirrigwarda ċerti kultivazzjonijiet ta' ħxejjex. Minn dan jirriżulta li l-kumpens imħallas mill-ELGA lill-produtturi lokali ta' prodotti agrikoli jista' jirrappreżenta vantaġġ finanzjarju selettiv għal dawn il-produtturi fil-konfront ta' produtturi oħrajn tal-Unjoni li ma jingħatawx l-istess appoġġ.

Barra minn hekk, f'każijiet li jippreżentaw riskju akbar f'dak li jirrigwarda ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali, hemm dubju jekk l-irziezet jistgħux jiksbu kopertura ta' assigurazzjoni mingħand assigurat privat taħt kundizzjonijiet simili. Il-Kummissjoni tikkunsidra, għalhekk, li f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kumpens imħallas mill-ELGA permezz tal-iskema inkwistjoni jikkostitwixxi vantaġġ finanzjarju selettiv għall-benefiċjarji.

- (62) Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Freskot* (ara l-punt 86), tista' madankollu titqajjem il-kwistjoni dwar jekk din il-miżura tistax tkun iġġustifikata minħabba n-natura jew l-ekonomija ġenerali tas-sistema, li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat li juri dan (26). Wieħed għandu jeżamina jekk il-karatteristiċi speċjali tas-settur agrikolu u d-dipendenza partikolari tiegħu fuq ċerti kundizzjonijiet klimatiċi kif ukoll il-vulnerabbiltà tiegħu fir-rigward ta' riskji naturali fil-Greċja jistgħux jeżiġu l-implimentazzjoni tal-iskema tal-Istat li tiżgura livell minimu ta' kumpens ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà. Madankollu, miżura li toħloq eċċezzjoni fl-applikazzjoni tas-sistema (para)fiskali ġenerali tista' tkun iġġustifikata min-natura u l-ekonomija ġenerali tas-sistema jekk l-Istat Membru kkonċernat jista' juri li din il-miżura tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew gwida ta' din is-sistema. Għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-għanijiet ta' skema partikolari u li huma esterni għaliha u, min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmi inerenti fis-sistema nnifisha li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu għanijiet bħal dawn. (27)

(23) Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999 fil-kawża C-75/97, *Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni*, Ġabra. 1999, p. I-03671, punt 25.

(24) Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 1977 fil-kawża C-78/76 *Steinike & Weinlig vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*, Ġabra 1977, p. 00595, edizzjoni Griega p. 171, punt 22.

(25) Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Frar 1996 fil-kawża C-56/93, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, Ġabra 1996, p. I-273, punt 79 jew is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Settembru 1996 fil-kawża C-241/94, *Franza vs Il-Kummissjoni*, Ġabra 1996 p. I-4551, punt 20.

(26) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, fil-kawża C-159/01, *Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni*, p. I-04461, punt 43.

(27) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006 fil-kawża C-88/03, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, Ġabra 2006, p. I-07115, punt 81).

(22) Ġabra 2002, p. I-717, punt 44.

Peress li jidher li l-ELGA mhijiex iffinanzjata biss minn kontribuzzjonijiet parafiskali iżda wkoll minn kontribuzzjonijiet diretti tal-Istat, ġustifikazzjoni bħal din ibbażata fuq is-solidarjetà bejn il-produtturi ma tistax tkun applikabbli, b'mod li l-iskema għandha titqies selettiva kollha kemm hi.

Għalhekk, f'dan il-każ, il-kumpens imħallas lill-produtturi fl-2008, jiġifieri EUR 386 986 648, ma kienx iffinanzjat fil-parti l-kbira tiegħu mill-kontribuzzjonijiet speċjali obbligatorji, billi dawn tal-aħħar kienu jammontaw biss għal EUR 88 353 000. F'dan il-każ, il-benefiċċji mħallsa lill-produtturi assigurati ma jistgħux jibqgħu jiġu kkunsidrati bħala ffinanzjati biss minn kontribuzzjonijiet ⁽²⁸⁾.

- (63) Rigward il-kumpens imħallas fl-2009, jiġifieri EUR 415 019 452, il-Kummissjoni tinnota li dan ma kienx iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet speċjali obbligatorji, li l-ammont fl-2009 kien ta' EUR 57 015 388. Dan il-kumpens kien ipprovdut mid-Digriet Interministerjali tat-30 ta' Jannar 2009 bħala kopertura ta' assigurazzjoni eċċezzjonali minħabba telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex u ma kienx jagħmel parti mill-kumpens li l-ELGA kellha tħallas lill-produtturi matul is-sena 2009 għat-tiswija tal-ħsarat fil-kuntest tas-sistema ta' assigurazzjoni obbligatorja. Għaldaqstant, l-argument tal-awtoritajiet Griegi li anki dan il-kumpens għandu jitqies bħala kumpens reali ma jistax ikun appoġġjat mill-Kummissjoni.
- (64) Biex tkun tista' tħallas dan il-kumpens għoli lill-produtturi ta' prodotti agrikoli, l-ELGA kellha tissellef żewġ ammonti li se jitħallsu lura fuq għaxar snin (ara l-premessi 16 u 17). Abbażi ta' taġhrif ipprovdut mill-awtoritajiet Griegi dwar il-bidiet fir-rati annwali ta' imgħax u ta' amortizzazzjoni fuq is-self, huwa ċar li l-ELGA mhux se tkun tista' tħallas dawn il-pagamenti annwali fuq għaxar snin mill-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni speċjali tal-produtturi, speċjalment peress li dawn il-kontribuzzjonijiet se jintużaw sabiex jitħallas il-kumpens għal ħsarat li jseħħu matul is-snin inkwistjoni.
- (65) Skont l-informazzjoni addizzjonali pprovduta, l-awtoritajiet Griegi kienu indikaw li l-Liġi l-ġdida 3877/2010 dwar is-sistema ta' protezzjoni u assigurazzjoni tal-biedja ġiet adottata bil-għan li jiddied id-dħul tal-ELGA.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-imsemmija liġi tista' fil-fatt tikkontribwixxi għat-titjib tal-funzjonament tal-ELGA fil-futur. Madankollu, żieda fid-dħul tal-ELGA għall-futur ma tippermettix li wieħed jikkonkludi li din se tkun biżżejjed biex jitħallas lura s-self inkwistjoni u l-għoti tal-kumpens lill-produtturi matul is-snin ikkonċernati.

B'hekk, is-self li ħadet l-ELGA għall-2009 għabba b'mod eċċessiv id-dħul li sejra tikseb matul l-għaxar snin li ġejjin, peress li din kienet diġà mgħobbija bil-ħlas lura tas-self li ħadet għall-2008 u li għalih kienet iddebitat minn qabel il-primjums tal-assigurazzjoni għas-snin ta' wara. Kif jinnutaw il-partijiet interessati (ara l-premessi 34 u 35), din il-problema tista' biss tiggrava bl-eżistenza

ta' żewġ selfiet oħra li l-ELGA ħadet fl-2009. Għalhekk, ma jistax ikun eskluż, li l-miżuri inkwistjoni jkun ffinanzjati wkoll minn riżorsi statali oħrajn disponibbli għall-ELGA.

- (66) Fi kwalunkwe każ, ma jidherx li d-differenzjazzjonijiet magħmula mill-iskema ta' għajna bejn l-impriżi li jsibu ruħhom f'sitwazzjoni attwali u legali komparabbli jistgħu jkun għustifikati abbażi tal-għanijiet ta' solidarjetà tal-iskema inkwistjoni, imqiegħda fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni Griega dwar il-kumpens għad-danni kkawżati minn avvenimenti naturali. Fil-fatt, l-ewwel nett, riskji simili jew komparabbli jitħallsu mill-impriżi nfishom f'setturi oħrajn li mhumiex koperti minn din l-iskema u, it-tieni, huwa ovvju li, fl-istess settur agrikolu kopert minn din l-iskema, ċerti produtturi dejjem se jrin ikunu aktar esposti minn oħrajn għal ċerti riskji (minħabba t-tip ta' produzzjoni tagħhom jew il-pożizzjoni ġeografika tagħhom), b'mod li l-għajna mħallsa dejjem se tingħata b'mod aktar predominanti lil ċerti kategoriji ta' produtturi għad-detriment tal-oħrajn.
- (67) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens imħallas lill-produtturi tal-prodotti agrikoli mill-ELGA fl-2008 u fl-2009 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja taqa' taħt l-Artikolu 107(1) tat-Trattat u jikkonstitwixxi għajna mill-Istat.
- (68) Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat jekk teżistix il-possibbiltà li tingħata deroga għall-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni ta' għajna mill-Istat stabbilita fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

2. Kwalifika tal-miżura bħala għajna illegali

- (69) Minħabba li din l-għajna kienet ingħata u tħallset mingħajr ma kienet ġiet innotifikata minn qabel, din hija għajna illegali skont l-Artikolu 1(f) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

3. Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajna skont l-artikolu 107(3)(c) tat-tfue

- (70) Skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, l-għajna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi tista' titqies kompatibbli mas-suq intern meta dik l-għajna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni.
- (71) Biex tikkwalifika għal din id-deroga, l-għajna inkwistjoni għandha tirrispetta d-dispożizzjonijiet tat-testi legali applikabbli meta ngħatat, jiġifieri fl-2008 u fl-2009. F'dan il-każ, dawn huma l-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-għajna mill-Istat fl-Agricoltura u l-forestrija 2007-2013 u b'mod partikolari l-Kapitolu V.B dwar l-għajna bħala kumpens għal ħsara lill-produzzjoni agrikola jew ta' mezzi ta' produzzjoni agrikola u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-punt V.B.3 dwar l-għajna bħala kumpens lill-bdiewa għat-telf ikkawżat minn kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena kif ukoll l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.

⁽²⁸⁾ Ara f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Stix-Hackl dwar il-kawża Freskot, punt 77.

Għandu jiġi nnutat li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V.B.4 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna favur il-ġlieda kontra l-mard tal-annimali u tal-ħxejjex għandhom japplikaw għal ċerti produzzjonijiet soġġetti għall-għajnuna mogħtija lill-produtturi fl-2009 (tabakk tal-Lvant, patata tas-sajf). Madankollu, minħabba li l-awtoritajiet Griegi urew li l-mard ta' dawn il-produzzjonijiet kien ikkawżat mill-kundizzjonijiet klimatiki ħżiena (ara wkoll il-premessa -44), skont in-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 31 tal-Kapitolu V.B.4 tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni vvalutat il-miżuri ta' għajnuna fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tas-Sottokapitolu V.B.3.

(72) Il-kundizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq tal-Linji Gwida, li huma rilevanti f'dan il-każ, huma dawn li ġejjin:

(a) skont il-punt 125 tal-Linji Gwida, fenomeni metereoloġiċi, bħal ġlata, silġ, xita jew nixfa, jiġifieri fenomeni bħal daww f'dan il-każ li kkawżaw telf f'ċerti produzzjonijiet agrikoli fil-Greċja matul l-2008 u l-2009, jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali meta l-livell ta' ħsara jilħaq ċertu livell tal-produzzjoni normali. Il-kumpens ta' avvenimenti simili bħal dawn jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur agrikolu u għandu jkun awtorizzat fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

Għalhekk, biex ikun eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna, it-telf ikkawżat mill-kundizzjonijiet klimatiki ħżiena għandu jilħaq it-30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-individwu matul l-aħħar tliet snin jew matul medja ta' tliet snin ibbażata fuq l-aħħar ħames snin, eskluż l-ogħla u l-inqas valur. Skont il-punt 128 tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tista' taċċetta metodi oħrajn ta' kalkolu tal-produzzjoni normali, inklużi valuri ta' referenza reġjonali, sakemm dawn il-metodi jkunu rappreżentattivi, u mhux ibbażata fuq rendimenti għoljin aktar min-normal,

(b) in-notifiki tal-miżuri ta' għajnuna għandhom jinkludu informazzjoni metereoloġika xierqa bħala appoġġ. Barra minn hekk, l-avveniment klimatiku avvers li jista' jitqies diżastru naturali għandu jkun rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet pubbliċi,

(c) l-intensità sħiħa tal-għajnuna ma tistax taqbeż it-80 % (90 % fiż-żoni żvantaġġjati jew fiż-żoni msemmija fl-Artikolu 36(a)(i),(ii) u (iii) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ⁽²⁹⁾, iddefiniti mill-Istati Membri skont l-Artikoli 50 u 94 tal-imsemmi Regolament) tat-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ tal-prodott, ikkalkulat billi jitnaqqas:

(i) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità prodotta matul is-sena li fiha seħħ l-avveniment klimatiku avvers mal-prezz tal-bejgħ medju miksub matul dik is-sena,

minn

(ii) ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-kwantità annwali medja prodotta matul l-aħħar tliet snin (jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq l-aħħar ħames snin eskluż l-ogħla u l-inqas valur) mal-prezz tal-bejgħ medju miksub.

L-ammont eliġibbli għall-għajnuna jista' jiżded bi spejjeż oħrajn magħmula speċifikament mill-bidwi minħabba li ma sarx il-ħsad minħabba l-avveniment klimatiku avvers,

(d) l-ammont massimu ta' telf eliġibbli għall-għajnuna għandu jitnaqqas minn kull ammont riċevut taħt l-iskema ta' assigurazzjoni u mill-ispejjeż mhux magħmula minħabba l-avveniment klimatiku avvers,

(e) it-telf għandu jkun ikkalkulat fil-livell tar-razzett individwali iżda l-Kummissjoni tista' taċċetta l-użu ta' medji, sakemm dawn ikunu biss rappreżentattivi u ma jwasslux għal kumpens żejjed sinifikanti favur kwalunkwe benefiċjarju,

(f) il-benefiċjarju għandu, fi kwalunkwe każ, dejjem iħallas parti mill-ispejjeż (punt 125(d) tal-Linji Gwida),

(g) l-iskemi għandhom ikunu introdotti fi żmien tliet snin, u l-għajnuna tingħata fi żmien erba' snin, wara li jkunu saru l-ispejjeż jew it-telf.

Ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2008

(73) Rigward il-ħlas ta' kumpens ta' EUR 373 257 465,71 li l-ELGA kienet tat lill-produtturi sabiex ipattu għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom minħabba l-kundizzjonijiet klimatiki ħżiena, il-Kummissjoni issib li din tikkonforma, fil-parti l-kbira tagħha, jiġifieri għal ammont ta' EUR 347 193 466,52 (ara l-premessa 42), mad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-premessa 72. Fir-rigward tal-għajnuna għal telf suċċessiv għall-istess produzzjoni ta' ħxejjex, EUR 2 472 785,97, din ukoll tikkonforma, fil-parti l-kbira tagħha, jiġifieri għal ammont ta' EUR 2 300 185,51, mad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet imsemmija fil-premessa 72.

(74) B'mod partikolari, kif turi t-tabella fil-premessa 42, il-kundizzjoni msemmija fil-premessa 72(a) hija ssodisfata, jiġifieri l-limitu tal-ħsara laħaq it-30 % tal-produzzjoni

⁽²⁹⁾ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

- normali fir-rigward tal-ħlas ta' kumpens ta' EUR 347 193 466,52. F'dak li jirrigwarda l-ghajjnuna għat-telf suċċessiv, għal 93,02 % tal-ammont totali ta' din l-ghajjnuna, jiġifieri EUR 2 300 185,51, il-livell tal-ħsara qered aktar minn 30 % tal-produzzjoni normali u, għal-hekk, il-kundizzjoni msemmija fil-premessa 72(a) hija ssodisfata wkoll.
- (75) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Griegi (ara l-premessa 39), l-intensità sħiħa tal-ħlas ta' kumpens inkwistjoni meta mqabbla mat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ tal-prodott tirrispetta l-limiti stabbiliti mill-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet (ara l-premessa 72(c)). Madankollu, il-kalkolu tal-intensità ma jirreferix għall-kwantità medja prodotta matul l-aħħar tliet snin (jew medja ta' tliet snin) skont l-Artikolu 2 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet, minħabba li għall-ħlas ta' kumpens inkwistjoni ġie applikat metodu ieħor ta' kalkolu tal-produzzjoni normali (ara l-premessa 40 dwar id-deskrizzjoni tal-metodu ta' kalkolu).
- (76) Skont il-punt 128 tal-Linji Gwida, il-Kummissjoni tista' taċċetta metodi differenti ta' kalkolazzjoni minn dak previst fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet, sakemm dawn ikunu rappreżentattivi u mhux ibbażati fuq rendimenti għoljin iżżejjed. Wara li eżaminat id-deskrizzjoni tal-metodu ta' kalkolazzjoni użat f'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li dan jikkonforma mad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq tal-Linji Gwida u fid-dawl tal-intensità ta' din l-ghajjnuna m'hemmx riskju ta' kumpens żejje għat-telf sofrut.
- (77) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-tagħrif metereoloġiku pprovdut mill-Greċja dwar l-avvenimenti li sehew matul il-perjodu ta' attività 2007-2008 huwa prova tal-okkorrenza ta' avvenimenti klimatiċi li jistgħu jiġġustifikaw l-għoti tal-kumpens inkwistjoni.
- (78) Barra minn hekk, skont l-informazzjoni pprovduta rigward l-ghajjnuna inkwistjoni (ara l-premessa 39), din tnaqqset skont l-ammonti eventwalment riċevuti minn kumpanija tal-assigurazzjoni u l-ispejjeż mhux imġarrba minħabba l-avvenimenti responsabbli għat-telf. Barra minn hekk, it-telf huwa kkalkulat fil-livell tar-razzett individwali. Fl-aħħar nett, l-iskadenzi tal-ħlas tal-ghajjnuna wara t-telf, imsemmija fil-premessa 72(g), huma rrispettati.
- (79) Fid-dawl ta' dan li ntqal, il-Kummissjoni tista' għalhekk tikkonkludi li l-ħlas ta' kumpens ta' EUR 349 493 652,03, mogħtija mill-ELGA lill-produtturi matul is-sena 2008 bi tpattija għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom, li minnhom EUR 2 300 185,51 jirrigwardaw għajjnuna għal telf suċċessiv fl-istess produzzjoni ta' ħxejjex, issodisfat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u tista', għalhekk, titqies bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern fil-kuntest tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (80) Madankollu, kif turi t-tabella fil-premessa 42, il-ħlas ta' kumpens ta' EUR 26 063 999,19 mogħtija mill-ELGA lill-produtturi ta' prodotti agrikoli matul is-sena 2008 bi tpattija għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom ma tirrispettax id-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(8) tar-Regolament dwar l-eżenzjoni fir-rigward tal-limitu tal-ħsara meta mqabbel mal-produzzjoni normali. Il-Kummissjoni tinnota, li dan il-ħlas ta' kumpens mhuwiex kompatibbli mal-kundizzjonijiet kollha rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u ma jistax, għalhekk, jibbenefika mill-eżenzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (81) Rigward il-ħlasijiet ta' kumpens ta' EUR 7 338 119,74 mogħtija lill-bdiewa mill-ELGA fl-2008 għal telf fil-kapital tal-annimali, jirriżulta mill-premessa 43 li, skont l-awtoritajiet Griegi, din l-ghajjnuna, imħallsa fil-kuntest tas-sistema ta' assigurazzjoni speċifika obligatorja, ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat. Għalkemm l-awtoritajiet jaslu għal din il-konklużjoni għall-ghajjnuna kollha f'kumpens mogħtija mill-ELGA fl-2008 u fl-2009, huwa biss dwar din l-ghajjnuna li ma pprovdewx informazzjoni addizzjonali li tista' tikkwalifika din l-ghajjnuna bħala kompatibbli mal-Linji Gwida. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tikkonkludi li din l-ghajjnuna ma tissodisfax il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u ma tistax, għalhekk, tibbenefika mill-eżenzjoni tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tenfasizza li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat, sabiex iwettaq id-dmir tiegħu li jikkoopera mal-Kummissjoni, li jipprovi l-elementi kollha li jistgħu jippermettu lil din l-istituzzjoni tivverifika li l-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni li minnha jixtieq jibbenefika huma ssodisfati⁽³⁰⁾. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Griegi qatt ma invokaw l-applikazzjoni tal-Linji Gwida, u lanqas ma pprovdew xi dokument li jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-informazzjoni fid-dawl ta' dawn il-Linji Gwida, u dan, minkejja l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fil-paragrafu 21 tad-Deċiżjoni tal-ftuħ ta' proċedura formali ta' investigazzjoni.
- (82) Rigward l-ghajjnuna ta' EUR 114 374,86 għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l-ors, din l-ghajjnuna mhijiex koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-Linji Gwida dwar il-ġestjoni tar-riskju u tal-kriżijiet. Skont il-punt 23 tal-Linji Gwida, għall-miżuri ta' għajjnuna mhux koperti mil-Linji Gwida, il-Kummissjoni tirrevedi każ b'każ u tapprova biss miżuri ta' dan it-tip jekk il-kontribuzzjoni pożittiva għall-iżvilupp tas-settur jikkompensa b'mod wiesa' r-riskji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni li jippreżentaw.

⁽³⁰⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ġunju 2005, Regione autonoma della Sardegna vs Il-Kummissjoni, T-171/02, Ġabra p. II-2123, punt 129.

- Skont il-punt 113 tal-Linji Gwida, meta jkun il-każ ta' awtorizzazzjoni ta' għajna stali għall-ġestjoni tar-riskji, jeħtieġ li jkun ipprovdut li tinħtieġ kontribuzzjoni minima mill-produtturi għat-telf, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni u sabiex jiġu mħajra jimminimizzaw ir-riskji. Madankollu, f'dan il-każ, l-intensità tal-għajna mogħtija kienet ta' 100 % u, skont il-fehma tal-Kummissjoni, l-assenza totali ta' kontribuzzjoni tal-produtturi għat-telf tista' tippreżenta riskji ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ kellha tintalab kontribuzzjoni minima ta' 20 % mingħand il-produtturi. Għaldaqstant, din l-għajna hija kompatibbli mas-suq intern sa 80 % tal-intensità tagħha, jiġifieri EUR 91 500. Għalkuntrarju, għall-bqija tal-ammont li jifdal minnha, li jikkorrispondu għal 20 % tal-intensità tagħha, l-imsem-mija għajna hija meqjusa inkompatibbli mas-suq intern.
- (83) F'dak li jirrigwarda l-għajna għal azzjonijiet korrettivi wara żbalji amministrattivi involontarji fir-rapporti ta' valutazzjoni rigward għajna għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex u fil-kapital tal-annimali, il-Greċja pprovdiet biss l-ammont totali ta' din l-għajna, jiġifieri EUR 3 803 901,72. Madankollu, l-ammonti li jirrigwardaw l-azzjonijiet korrettivi rigward għajna ta' kumpens għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex u fil-kapital tal-annimali kif ukoll fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l-ors (ara l-premessi 41, 42 u 43) ma kinux speċifikati fl-informazzjoni addizzjonali mibgħuta mill-awtoritajiet Griegi lill-Kummissjoni. Minħabba li l-azzjonijiet korrettivi kienu jirrigwardaw żbalji amministrattivi li kienu djun tal-ELGA fil-konfront tal-benefiċjarji tal-għajna inkwistjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajna korrettiva tista' tagħmel parti mill-għajna ta' kumpens ikkonċernata. Madankollu, minħabba l-fatt li l-għajna ta' kumpens għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex, ta' EUR 349 666 252,49 (ara l-premessa 75) biss hija kkunsidrata kompatibbli mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-azzjonijiet korrettivi biss li jirrigwardaw dan il-ħlas ta' kumpens jistgħu jitqiesu bħala għajna li tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u li tista' tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- Ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2009**
- (84) Mill-ħlas ta' kumpens ta' EUR 415 019 452 imħallas mill-ELGA lill-bdiewa matul is-sena 2009, l-għajna ta' EUR 27 614 905 tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet, kif din hija deskritta fil-premessa 73.
- (85) Fuq il-bażi ta' informazzjoni dettaljata li l-awtoritajiet Griegi pprovdew għal kull ħlas ta' kumpens mogħti mill-ELGA fl-2009 (ara l-premessa 37), il-Kummissjoni sabet li l-kundizzjoni msemmija fil-premessa 73(a), jiġifieri li l-limitu ta' ħsara għandu jilħaq it-30 % tal-produzzjoni normali, hija ssodisfata f'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' kumpens ta' EUR 27 614 905.
- (86) Kif jirriżulta mill-premessi 76 sa 79 rigward parti mill-għajna mogħtija mill-ELGA fl-2008, l-istess konklużjonijiet jistgħu jiġu applikati wkoll rigward l-għajna mogħtija fl-2009 ta' EUR 27 614 905, jiġifieri li din tal-aħħar tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.
- (87) B'mod partikolari, l-intensità tal-għajna inkwistjoni, il-metodu ta' kalkolazzjoni użat f'dan il-każ, it-tagħrif meteoroloġiku dwar l-avvenimenti li sehew matul il-perjodu ta' attivitajiet 2008-2009 (ara t-tabella fil-premessa 44), l-esklużjoni ta' kumpens żejjed għat-telf imġarrab kif ukoll l-iskadenzi tal-għajna wara t-telf jirrispettaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.
- (88) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal, il-Kummissjoni ssib li l-għajna ta' EUR 27 614 905 imħallas mill-ELGA lill-bdiewa matul is-sena 2009 tista' titqies kompatibbli mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet. Għaldaqstant tista' tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (89) Rigward il-bqija tal-ammont ta' din l-għajna, EUR 387 404 547, il-Kummissjoni tqis, għalkuntrarju tal-fehma tal-awtoritajiet Griegi (ara l-premessa 46), li dan ma jistax jitqies kompatibbli mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.
- (90) Fuq il-bażi ta' informazzjoni dettaljata pprovduta mill-Greċja rigward kull għajna mogħtija fl-2009, jirriżulta li l-avvenimenti klimatiċi avversi f'dan il-każ ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' avvenimenti klimatiċi avversi li jistgħu jitqiesu bħala diżastru naturali, prevista fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet, minħabba li l-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena inkwistjoni kienu qerdu inqas minn 30 % tal-produzzjoni normali tal-bdiewa kkonċernati. Barra minn hekk, il-produzzjoni normali ma kinitx definita f'dan il-każ fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet⁽³¹⁾ u, għaldaqstant, l-intensità tal-għajna inkwistjoni ma kinitx stabbilita skont il-kalkolu previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet.
- (91) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi jikkunsidraw li l-għajna inkwistjoni tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet kollha sabiex tkun ikkunsidrata konformi mal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat u mal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju (ara l-premessi 47 sa 50).
- (92) Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, rigward l-għajna mhux innotifikata inkwistjoni, li ngħatat kollha matul is-sena 2009, l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat ma jistax japplika direttament, minħabba li l-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju li tapplika mis-17 ta' Diċembru 2008 fuq il-bażi

⁽³¹⁾ Il-possibbiltà li wieħed juża metodu ta' kalkolazzjoni ieħor tal-produzzjoni normali hija prevista biss fil-Linji Gwida (punt 128).

ta' din id-dispożizzjoni. Il-Komunikazzjoni kienet teskludi b'mod espliċitu l-impriżi speċjalizzati fil-produzzjoni agrikola primarja mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha fil-punt 4.2.2 (h)). Skont ġurisprudenza kostanti, fil-qasam speċifiku tal-ghajjnuna Statali, il-Kummissjoni hija marbuta bil-linji gwida u l-komunikazzjonijiet li tadotta, sakemm dawn ma jtbieghdux mir-regoli tat-Trattat⁽³²⁾. Madankollu, billi ġie stmat f'dak iż-żmien fil-punt 4.2.2(h) tal-Qafas Temporanju li l-iskema ta' ghajjnuna (li nfakkru li kellha l-għan li tinkoraġġixxi l-aċċess għall-finanzjament fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja) ma kinitx tapplika għall-impriżi attivi fil-qasam tal-produzzjoni agrikola primarja, il-Kummissjoni stmat, li, fid-dawl tat-tgħawwiġ kbir fil-kompetizzjoni li jista' jseħħ f'dan is-settur, din l-ghajjnuna ma tkunx meħtieġa jew proporzjonata skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat sad-dħul fis-seħħ ta' regoli u ta' limiti speċifiċi adottati għal dan is-settur⁽³³⁾. Skont il-fehma tal-Kummissjoni, il-Komunikazzjoni kif kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien tapplika għalhekk f'dan il-każ għall-ghajjnuna mogħtija mis-17 ta' Diċembru 2008 sas-27 ta' Ottubru 2009.

Il-Linji Gwida applikabbli meta nġhatat l-ghajjnuna inkwistjoni huma l-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-ghajjnuna mill-Istat fil-qasam tal-Agricoltura u tal-forestrija 2007-2013. Madankollu, kif jirriżulta mill-premessa 90, il-kundizzjonijiet klimatiki ħżiena li sehew f'dan il-każ kienu qerdu inqas minn 30 % tal-produzzjoni normali tal-bdiewa kkonċernati. Minn dan jirriżulta li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida ma jstgħux jitqiesu bħala ssodisfati fir-rigward tal-ħlas ta' kumpens inkwistjoni.

- (93) Kif jirriżulta mill-premessa 48, l-awtoritajiet Griegi huma tal-fehma li l-punt 7(a) tal-Komunikazzjoni japplika fir-rigward tal-ghajjnuna mhux innotifikata inkwistjoni, minħabba li din inġhatat lill-bdiewa wara s-17 ta' Diċembru 2008.

Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-possibiltà li tiddikjara ghajjnuna lis-settur agrikolu kompatibbli fil-kuntest tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju tista' tkopri biss l-ghajjnuna fis-settur agrikolu mogħtija mit-28 ta' Ottubru 2009, id-data li fiha daħlet fis-seħħ il-bidla fil-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju li tippredvi ammont limitat ta' ghajjnuna kompatibbli għall-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja.

- (94) F'dan il-każ, skont l-informazzjoni dettaljata li l-awtoritajiet Griegi pprovdeu għal kull ghajjnuna mogħtija mill-ELGA matul is-sena 2009, jirriżulta li kważi l-ghajjnuna

kollha inkwistjoni kienet inġhatat lill-produtturi tal-prodotti agrikoli f'dati preċedenti għad-data msemmija hawn fuq tat-28 ta' Ottubru 2009. Għalhekk, il-parti l-kbira tal-ghajjnuna nġhatat bejn Marzu 2009 u Lulju 2009, filwaqt li ghajjnuna oħra nġhatat f'Settembru 2009.

- (95) Il-Kummissjoni tikkonkludi għalhekk li l-ghajjnuna inkwistjoni mhijiex konformi mal-Komunikazzjoni u ma tistax, għalhekk, tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat.
- (96) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi madankollu li, għall-ghajjnuna mogħtija mill-ELGA lill-produtturi tal-prodotti agrikoli f'dati wara d-data msemmija hawn fuq tat-28 ta' Ottubru 2009 (ammont żgħir minn din l-ghajjnuna nġhata f'Diċembru 2009 u f'Novembru 2010), jistgħu japplikaw il-bidliet magħmula fil-Komunikazzjoni għas-settur agrikolu.
- (97) L-ghajjnuna inkwistjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 4.2.2 tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju. Madankollu, il-kundizzjoni prevista fil-punt 4.2.2(g) tal-imsemmija Komunikazzjoni ma kinitx issodisfata, minħabba li l-ELGA ma kisbitx mingħand il-bdiewa kkonċernati dikjarazzjoni rigward l-ghajjnuna l-oħra *de minimis* u l-ghajjnuna bbażata fuq il-miżura fil-kuntest tal-Qafas Komunitarju Temporanju li dawn kienu rċevew matul is-sena fiskali attwali. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra l-argument tal-awtoritajiet Griegi bħala validu, li, f'dan il-każ, din l-eżiġenza hija biss formalità, minħabba li l-Greċja ma kinitx tat lil impriżi agrikoli ghajjnuna *de minimis* jew ghajjnuna fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni tikkonkludi, għalhekk, li l-ghajjnuna, li għaliha tapplika l-Komunikazzjoni, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 4.2.2 tal-imsemmija Komunikazzjoni u tista' tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat.
- (98) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li mhuwiex eskluż li parti mill-imsemmija ghajjnuna, ta' EUR 75 382 500, tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1535/2007 (ara l-premessi 51 u 52).

VII. KONKLUŻJONIJIET

- (99) Il-kumpens li l-ELGA ħallset lill-produtturi fl-2008, jiġifieri EUR 386 986 648, kien biss parzjalment iffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet speċjali obligatorji mħallsa mill-bdiewa, minħabba li dawn il-kontribuzzjonijiet kienu

⁽³²⁾ Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni fil-kawża C-288/96, Ġabra 2000, p. I-8237.

⁽³³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li temenda l-Qafas Komunitarju Temporanju għall-ghajjnuna mill-Istat maħsuba sabiex tappoġġja l-aċċess għall-finanzjament fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, ĠU C 261, 31.10.2009, p. 2, dħul fis-seħħ mit-28 ta' Ottubru 2009.

- jammontaw biss għal EUR 88 353 000 fl-2008. Rigward il-kumpens imħallas fl-2009, jiġifieri EUR 415 019 452, dan ma kienx iffinanzjat permezz tal-kontribuzzjonijiet speċjali obbligatorji.
- (100) Rigward iż-żewġ selfiet li l-ELGA kellha tieħu sabiex tkun tista' tħallas il-kumpens imsemmi lill-produtturi, jidher ċar li l-ELGA mhijiex se tkun tista' tħallas, permezz tal-kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni speċjali tal-produtturi l-pagamenti annwali ta' imgħax u ta' amortizzazzjoni fuq għaxar snin, li huwa l-perjodu previst għall-ħlas lura ta' dan is-self, speċjalment minħabba li dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jintużaw sabiex jitħallas kumpens għal danni li jistgħu jseħħu matul is-snin inkwistjoni.
- (101) Minn dan jirriżulta, fid-dawl ta' dak li ntqal, li l-kumpens li ħallset l-ELGA matul l-2008 u l-2009 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja ma jstax jitqies li kien iffinanzjat biss mill-kontribuzzjonijiet imħallas mill-produtturi bħala kontribuzzjoni ta' assigurazzjoni speċjali. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kumpens li ħallset l-ELGA fl-2008 u fl-2009 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja jaqa' taħt l-Artikolu 107(1) tat-Trattat u jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
- (102) Il-Kummissjoni ssib li r-Repubblika Ellenika implimentat din l-għajjnuna bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (103) Għall-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2008 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni speċjali obbligatorja, il-Kummissjoni:
- (a) tikkonkludi li l-għajjnuna mill-Istat li l-ELGA tat lill-produtturi sabiex tpatti għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom, li minnha, l-ammont ta' EUR 2 300 185,51 jirrigwarda għajjnuna għal telf suċċessiv fl-istess produzzjoni ta' ħxejjex hija kompatibbli, sa EUR 349 493 652,03. Il-Kummissjoni tqis li din l-għajjnuna ssodisfat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u tista', għalhekk, titqies bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (b) tqis li l-għajjnuna mill-Istat, ta' EUR 33 402 118,93 li l-ELGA tat lill-produtturi għal ċertu telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex u fil-kapital tal-annimali ma ssodisfatx id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u, għalhekk, hija inkompatibbli mas-suq intern.
- (c) tqis li l-għajjnuna mill-Istat ta' EUR 114 374,86 li l-ELGA tat lill-produtturi għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom minħabba l-ors tista' toħloq riskji ta' tgħawwiġ fil-kompetizzjoni u, għaldaqstant, hija inkompatibbli mas-suq intern.
- (d) tqis li, mill-għajjnuna mill-Istat, li tammonta għal EUR 3 803 901,72, mogħtija għal azzjonijiet korrettivi wara żbalji fir-rapporti ta' valutazzjoni, l-azzjonijiet korrettivi biss li kienu jirrigwardaw ħlas ta' kumpens li jammonta għal EUR 349 493 652,03 għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi li kienu jirrigwardaw ħlas ta' kumpens li jammonta għal EUR 91 500 għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l-ors tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u tista', għalhekk, tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Bil-kontra ta' dan, l-għajjnuna l-oħra mogħtija għal azzjonijiet korrettivi ma tissodisfax il-kundizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u, għaldaqstant, ma tistax tibbenefika mid-deroga tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (104) Fil-każ tal-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2009 skont id-deċizzjoni interministerjali, il-Kummissjoni:
- (a) tikkonkludi li l-għajjnuna mill-Istat, ta' EUR 27 614 905, li l-ELGA tat lill-produtturi sabiex tpatti għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom, hija kompatibbli. Il-Kummissjoni tqis li l-imsemmija għajjnuna ssodisfat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u tista', għalhekk, titqies bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (b) tikkonkludi li, fil-każ tal-għajjnuna mill-Istat, ta' EUR 387 404 547, li l-ELGA tat lill-produtturi sabiex tpatti għat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom:
- dik l-għajjnuna li nġhatat qabel id-data tat-28 ta' Ottubru 2009 ⁽³⁴⁾, id-data li fiha daħlet fis-seħħ l-emenda tal-Komunikazzjoni bl-għan li jkunu inklużi fiha l-impriżi agrikoli, ma rrispettatx id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Komunikazzjoni, tal-Linji Gwida u tar-Regolament dwar l-eżenzjonijiet u għalhekk, hija inkompatibbli mas-suq intern. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-għajjnuna li, meta nġhatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* applikabbli.
 - rigward dik l-għajjnuna li kienet inġhatat wara t-28 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni tikkonkludi li din tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-Komunikazzjoni u tista', għalhekk, titqies bħala għajjnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

⁽³⁴⁾ Id-data li fiha daħlet fis-seħħ l-emenda tal-Komunikazzjoni dwar il-Qafas Komunitarju Temporanju sabiex l-impriżi attivi fil-produzzjoni agrikola primarja jkunu koperti mill-imsemmi Qafas.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-kumpens imħallas mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-ELGA) lill-produtturi ta' prodotti agrikoli matul is-snin 2008 u 2009 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

2. Il-ħlasijiet ta' kumpens mogħtija fl-2008 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni speċjali obligatorja hija kompatibbli mas-suq intern f'dak li jirrigwarda għajnuna sa EUR 349 493 652,03 li l-ELGA tat lill-produtturi sabiex tpatti għal telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex tagħhom kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-għajnuna relatata mat-telf fil-produzzjoni tal-ħxejjex minħabba l-ors sa EUR 91 500 u ma' azzjonijiet korrettivi li ttieħdu fil-kuntest tal-għajnuna msemija hawn fuq. Il-ħlas ta' kumpens li jikkorrispondi għall-ammont li jifdal u li tħallas fl-2008 taħt l-iskema ta' assigurazzjoni speċjali, huwa inkompatibbli mas-suq intern.

3. Il-ħlas ta' kumpens ta' EUR 27 614 905 li ngħatat fl-2009 skont id-Deċiżjoni Interministerjali Nru 262037 tal-Ministri tal-Ekonomija u tal-Iżvilupp Rurali tat-30 ta' Jannar 2009 hija kompatibbli mas-suq intern.

Il-ħlas ta' kumpens ta' EUR 387 404 547, li ngħatat lill-produtturi f'dati qabel dik tat-28 ta' Ottubru 2009 mhijiex kompatibbli mas-suq intern. Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-għajnuna li, meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1535/2007.

Artikolu 2

1. Il-Greċja għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tirkupra, mingħand il-benefiċjarji tagħha, l-għajnuna inkompatibbli msemija fl-Artikolu 1 u li diġà tqiegħdet illegalment għad-dispożizzjoni tagħhom.

2. L-għajnuna li għandha tinġabar għandha tinkludi l-imgħaxijiet ikkalkulati mid-data li fiha tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji, sad-data tal-irkupru tagħha.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat fuq bażi magħmula skont id-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ⁽³⁵⁾.

4. L-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien skont il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, sakemm dawn jippermettu l-implimentazzjoni immedjata u effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-irkupru tal-għajnuna msemija fl-Artikolu 1(2) u (3), għandu jkun immedjat u effettiv. Il-Greċja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Greċja għandha tippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

- l-ammont totali (kapital u imgħax tal-irkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarji;
- deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda jew ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni;
- dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

2. Il-Greċja għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun sar wara li jkunu ġew adottati l-miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u dan sakemm ikun sar l-irkupru tal-għajnuna msemija fl-Artikolu 1(2) u (3).

3. Wara l-perjodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 1, il-Greċja għandha tippreżenta, fuq talba tal-Kummissjoni, rapport dwar il-miżuri li jkunu diġà ttieħdu u daww ippjanati sabiex tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jipprovdvi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u l-imgħaxijiet diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kummissjoni

Dacian CIOLOŞ

Membru tal-Kummissjoni

⁽³⁵⁾ ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

